# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 22 ta' Frar, 2024.**

**Kawża Nru. 6 (Kost.)**

**Rik. Nru. 12/2017/1JRM**

L-Avukat Dottor Anthony P. **FARRUĠIA**

vs

L-Avukat Ġenerali illum magħruf bħala **L-AVUKAT TAL-ISTAT**; l-Avukat Deborah Farruġia fil-kapaċità tagħha ta' Segretarju tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u tal-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali u in rappreżentanza tal-istess; u Mandy Azzopardi u George Galea, għal kull interess li jista' jkollhom

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors imressaq fit-13 ta' Marzu, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm fih imfissra, ir-rikorrent talab li l-Qorti (a) ssib li huwa ġarrab u qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif imħares fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Ewropea) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"); (b) tordna li jitwaqqfu minnufih il-proċeduri mnedija kontrih quddiem il-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali

mwaqqaf skond l-artikolu 3 tal-Att dwar il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (Kap 369) wara lmenti li saru kontrih mill-intimati Mandy Azzopardi u George Galea, u tagħti dawk id-direttivi li jidhrilha meħtieġa biex jitwaqqaf il-ksur tal-jedd tiegħu kif fuq imsemmi; (ċ) issib li, minħabba l-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni huwa ġarrab danni materjali u morali; u (d) tikkundanna lill-intimati, jew lil min minnhom, biex iħallsuh id-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Marzu, 2017,[1] li bih qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tas-16 ta' Marzu, 2017, u ordnat in-notifika lill-intimati;

Rat ir-Rikors imressaq mir-rikorrent dakinhar li fetaħ din il-kawża u li bih talab li l-Qorti tqisu b'urġenza u tagħti provvediment provviżorju billi tordna li jitwaqqaf is-smigħ tal-każ tiegħu quddiem il-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Kumitat") sa mis-seduta li kellha tissejjaħ dakinhar fis-sagħtejn (14.00) ta' wara nofsinhar u sakemm iddum tinstema' din il-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Marzu, 2017,[2] li bih ċaħdet it-talba għall-għoti ta' rimedju provviżorju;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali, illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat, fil-15 ta' Marzu, 2017,[3] li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qal li hu m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni attriċi billi l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Kummissjoni") u s-sotto-kumitati tagħha huma organi kostituzzjonali maqtugħa u indipendenti mill-Gvern. Żied li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex id-deċiżjonijiet tal-Kumitat m'humiex deċiżjonijiet finali billi minnhom jista' jitressaq appell lill-Kummissjoni u għalhekk ma jistax jingħad li l-Kumitat jiddetermina akkużi jew drittijiet jew obbligi ċivili. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-proċedimenti li minnhom jilmenta r-rikorrent jagħtu smigħ xieraq u li f'kull każ ma huwa dovut lir-rikorrent l-ebda kumpens għad-danni billi t-talbiet tiegħu huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata Mandy Azzopardi fl-24 ta' Marzu, 2017,[4] li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li ma kinitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi għaliex hija la hija aġent tal-Istat u lanqas ma hija awtorità pubblika, u la tista' twettaq ksur tal-jeddijiet

---

[1] Paġ. 7 tal-proċess.
[2] Paġ. 8 tal-proċess.
[3] Paġġ 12 - 3 tal-proċess.
[4] Paġġ. 17 - 9 tal-proċess.

fundamentali tal-oħrajn u lanqas tagħti rimedji għalihom. Żiedet li hija ma tweġibx għall-azzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Kumitat u għalhekk ukoll imissha tinħeles milli tibqa' aktar fil-kawża. Barra minn hekk, u dejjem b'mod preliminari, qalet li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' din il-kawża ladarba mid-deċiżjonijiet li jista' jieħu l-Kumitat jingħata d-dritt ta' appell quddiem il-Kummissjoni u r-rikorrent imissu jinqeda b'dak ir-rimedju 'ordinarju'. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li dak li jippreskrivi l-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni huwa biss indikattiv u jagħti lill-Kummissjoni l-jedd li ttawwal iż-żmien biex il-Kumitat iqis ilment li jkun tressaq quddiemu kontra xi avukat jew prokuratur legali. Żiedet tgħid li biċċa sewwa mill-ħtija għad-dewmien tas-smigħ tal-każ tiegħu quddiem il-Kumitat ġejja mir-rikorrent innifsu għaliex baqa' ma qagħadx għall-ordni mogħtija lilu mill-istess Kumitat biex iressaq dokumenti li ntalab iressaq u billi kien naqas għadd ta' drabi milli jidher għas-seduti fissati. Fissret li kellha tressaq l-ilment quddiem il-Kummissjoni minħabba li r-rikorrent kien injora l-kundanna għall-ħlas ordnata b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Settembru, 2009 mill-Qorti tal-Appell u kien ħallas biss wara żmien u meta l-Pulizija kienu bagħtu għalih. Issoktat billi tgħid li l-proċeduri quddiem il-Kumitat u quddiem il-Kummissjoni huma maħsuba biex jiggarantixxu smigħ xieraq, u ssottomettiet li la l-Kostituzzjoni u lanqas il-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsemmu l-ħlas tad-danni fil-każ ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Fid-dawl ta' dan temmet tgħid li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda billi huma proċeduralment insostenibbli u fil-mertu m'humiex mistħoqqa.

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kummissjoni fit-2 ta' Mejju, 2017,[5] li biha laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrent billi qalet li kemm hija u kemm il-Kumitat twaqqfu taħt il-Kostituzzjoni u l-Kapitolu 369 tal-Liġijiet ta' Malta, u li hija ma tweġibx għall-għemil tal-Kumitat billi huma organi maqtugħa minn xulxin u jimxu għal rashom. Qalet ukoll li d-deċiżjonijiet tal-Kumitat ma humiex deċiżjonijiet finali billi minnhom hemm dritt ta' appell quddiemha u għalhekk ir-rikorrent għandu rimedju 'ordinarju' li jista' jinqeda bih. Żiedet tgħid li l-proċedimenti li minnhom jilmenta r-rikorrent jagħtuh smigħ xieraq u kull direttiva mogħtija minnha saret b'ħarsien tas-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi li taħtha twaqqfet. Temmet tgħid li ma huwa dovut lir-rikorrent l-ebda kumpens għad-danni;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kumitat fit-2 ta' Mejju, 2017,[6] li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa għaliex id-deċiżjonijiet tiegħu m'humiex deċiżjonijiet finali ladarba hemm dritt ta' appell lill-Kummissjoni minn dawk id-deċiżjonijiet, u għalhekk ir-rikorrent fadallu rimedji 'ordinarji' li għadu jista' jinqeda bihom. Żied jgħid li huwa r-rikorrent

[5] Paġġ. 23 - 4 tal-proċess.
[6] Paġġ. 27 - 8 tal-proċess.

innifsu li jaħti għaż-żmien li għadda għas-smigħ tal-każ tiegħu u li l-proċeduri li minnhom qiegħed jilmenta jagħtu smigħ xieraq. Temm billi qal li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi, u fid-dawl ta' dan, fisser li r-rikorrent ma jistħoqqlu l-ebda kumpens;

Rat illi l-intimat Galea baqa' ma ressaq l-ebda Tweġiba, minkejja li laqa' n-notifika tal-atti tal-kawża u deher fl-ewwel seduta;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Mejju, 2017[7], li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni dwar dawk l-eċċezzjonijiet preliminari, li bihom l-intimati stiednu lil din il-Qorti biex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża, ladarba r-rikorrent għandu rimedji oħrajn taħt il-liġi dwar l-ilment imressaq minnu f'din il-kawża;

Rat id-degriet mogħti minnha waqt is-smigħ tal-4 ta' Lulju, 2017[8], li bih ordnat li jinġab quddiemha l-inkartament tal-każ tar-rikorrent quddiem il-Kumitat sabiex il-Qorti tkun tista' tieħu konjizzjoni tiegħu hi u tisma' t-trattazzjoni tal-eċċezzjoni preliminari;

Rat is-sentenza tagħha tat-22 ta' Marzu, 2018,[9] li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imsemmija, din il-Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali llum imsejjaħ bħala l-Avukat tal-Istat, it-tielet eċċezzjoni tal-intimata Mandy Azzopardi, it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Kummissjoni intimata, u l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kumitat intimat u fid-dawl ta' dan ħelsithom milli jibqgħu aktar fil-kawża, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

Rat li b'rikors tal-11 ta' April, 2018[10] ir-rikorrent ressaq appell mill-imsemmija sentenza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, u li bih u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, talab lil dik il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza tat-22 ta' Marzu, 2018, u tordna lil din il-Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Marzu, 2021[11], li biha u għar raġunijiet hemmhekk imsemmija, laqgħet l-appell tar-rikorrent, u wara li ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali, it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimata Mandy Azzopardi, it-tieni eċċezzjoni tal-Kummissjoni u l-ewwel eċċezzjoni tal-Kumitat, ordnat lir-Reġistratur sabiex jibgħat lura l-atti tal-kawża lil din il-Qorti, sabiex tkun tista' tissokta bis-smigħ tal-kawża;

---

[7] Paġ 31 tal-proċess.
[8] Paġ 33 – 4 tal-proċess.
[9] Paġġ. 44 sa 54 tal-proċess.
[10] Paġġ. 56 sa 65 tal-proċess.
[11] Paġġ. 125 sa 130 tal-proċess.

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' April, 2021[12], li bih reġgħet qiegħdet din il-kawża għas-smigħ;

Rat il-provi u semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tad-9 ta' Ġunju, 2022[13], li bih iddikjarat bħala magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi, u wara li l-Qorti laqgħet it-talba sabiex it-trattazzjoni tal-kawża ssir bil-miktub, tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fid-29 ta' Novembru, 2022[14];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Kummissjoni fit-18 ta' Jannar, 2023[15];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Kumitat fit-18 ta' Jannar, 2023[16];

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali llum imsejjaħ bħala l-Avukat tal-Istat tas-27 ta' Jannar 2023[17], li bih talab lill-Qorti sabiex tordna li jissewwa l-okkju tal-kawża billi minflok il-kliem "L-Avukat Ġenerali", jitniżżel il-kliem "L-Avukat tal-Istat", kif ukoll biex jiġi mtawwal iż-żmien li fih kellu jressaq in-Nota ta' Sottomissjonijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Jannar, 2023,[18] li bih ordnat it-tiswija mitluba fl-okkju tal-kawża billi wara l-kliem "L-Avukat Ġenerali" jidħlu l-kliem "illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat", kif ukoll tawlet iż-żmien li fih l-Avukat tal-Istat kellu jressaq in-Nota ta' Sottomissjonijet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Avukat tal-Istat fl-20 ta' Frar, 2023[19];

Rat li l-intimati Mandy Azzopardi u George Galea ma ressqu l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet responsiva;

Rat id-degriet tat-23 ta' Frar, 2023,[20] li bih il-Qorti ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni ulterjuri;

---

[12] Paġ. 132 tal-proċess.
[13] F'paġna 207 tal-proċess.
[14] Paġġ. 210 - 9 tal-proċess.
[15] Paġġ. 220 sa 249 tal-proċess.
[16] Paġġ. 250 sa 279 tal-proċess.
[17] Paġ 281 tal-proċess.
[18] Paġ. 283 tal-proċess.
[19] Paġġ. 284 - 9 tal-proċess.
[20] Paġ. 290 tal-proċess.

Rat li fis-seduta tas-17 ta' Marzu, 2023, l-avukati tal-partijiet li dehru għal dik is-seduta ddikjaraw li ma kellhom xejn iżjed xi jżidu aktar ma dak li diġà niżżlu fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom, u li l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza;

Rat id-degriet li bih il-Qorti ħalliet din il-kawża għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi fil-qofol tagħha, din hija kawża dwar ksur ta' jedd għal smigħ xieraq kif imħares kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Kovenzjoni. Ir-rikorrent ifisser li fis-sena 2011, huwa ssejjaħ mill-Kumitat intimat sabiex iwieġeb għal żewġ ilmenti mressqa kontrih minn Mandy Azzopardi u George Galea, li ġew mgħarrfa lilu fid-29 ta' Awwissu, 2011 u f'Novembru, 2011 rispettivament. F'dan l-isfond, jibda billi fl-ewwel lok, jilmenta li, fil-każ tiegħu, il-Kumitat "*qed joħroġ 'il barra mill-parametri kostituzzjonali u legali tiegħu*", billi dawk il-proċeduri kienu għadhom pendenti bi ksur ta' dak li jipprovdi l-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni dwar f'kemm żmien għandu jinqata' każ imressaq quddiem l-istess Kumitat. Ifisser li waqt seduta miżmuma fl-20 ta' Jannar, 2014, huwa rreġistra oġġezzjoni formali quddiem il-Kumitat dwar dan, u jgħid li wara li l-Kumitat irrefera din il-kwistjoni lill-Kummissjoni intimata, din tal-aħħar tat direttiva lil dak il-Kumitat biex jissokta bil-proċeduri kontrih. Jilmenta li dik id-direttiva hija llegali billi tikser dak li tgħid il-Kostituzzjoni, u jfisser li, minħabba f'hekk, kull ħaġa li setgħet saret f'dawk il-proċeduri wara t-terminu mniżżel fl-Artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni, hija nulla u mingħajr effett. Sfiq ma' dan jgħid, li dak id-dewmien wassal ukoll biex kasbarlu l-jedd fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Bla ħsara għal dan, fit-tieni lok ir-rikorrent qiegħed jgħid li l-Kumitat intimat qiegħed jitlob li titressaq informazzjoni li jfissirha bħala "*protetta mill-iskrutinju tiegħu jew ta' kull korp jew entità oħra, u/jew minn kwalsiasi terz*", u dan mhux biss bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq iżda wkoll bi ksur tas-setgħat mogħtija lill-Kumitat bil-liġi. Jissokta billi, fit-tielet lok, jilmenta li l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq qiegħed jintrifes ukoll mill-Kumitat billi huwa qiegħed jiġi mċaħħad minn aċċess faċli u ċert għall-atti proċesswali li għalih huma essenzjali sabiex ikun jista' jiddefendi ruħu. Fl-aħħar nett, jilmenta li l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq qiegħed jiġi wkoll imkasbar billi l-Kumitat intimat, kif kompost bl-Artikolu 3 tal-Kap 369 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm fil-każ tiegħu kif ukoll b'mod ġenerali, "*ma jistax jitqies li jikkonsisti f'qorti jew inkella fi tribunal indipendenti*". Itemm billi jgħid li dan kollu wasslu biex ġarrab kemm danni reali kif ukoll dawk morali;

Illi fid-dawl tal-premessi kif għadhom jiġu mfissra, ir-rikorrent irid lil din il-Qorti ssib li l-jeddijiet 'kostituzzjonali' tiegħu, partikolarment dawk imħarsa bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ġew imkasbra. Konsegwentement għal dan, ir-rikorrent qiegħed jitlob li l-Qorti twaqqaf minnufih il-proċeduri li qiegħed jilmenta dwarhom u tagħti dawk id-direttivi li jidhrilha li huma meħtieġa sabiex issewwi l-ksur allegatament imġarrab minnu. Fl-aħħar nett, irid li l-Qorti ssib li huwa ġarrab danni reali u morali, u qiegħed jitlob li l-intimati jew uħud minnhom jiġu kkundannati jħallsuh dawk id-danni hekk kif likwidati minn din il-Qorti. Talab ukoll l-ispejjeż;

Illi l-Avukat Ġenerali, illum imsejjaħ bħala l-Avukat tal-Istat, laqa' għal din il-kawża billi b'mod preliminari qal li huwa m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni attriċi billi l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u s-sotto-kumitati tagħha huma organi kostituzzjonali maqtugħa u indipendenti mill-Gvern. Fit-tieni lok, u fuq xejra li hija wkoll preliminari, qajjem l-argument li d-deċiżjonijiet tal-Kumitat m'humiex deċiżjonijiet finali billi huma appellabbli lill-Kummissjoni, u għalhekk f'kull każ ma jistax jingħad li dak il-Kumitat jiddetermina 'akkużi' jew 'drittjiet jew obbligi ċivili'. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-proċedimenti li minnhom jilmenta r-rikorrent jagħtu smigħ xieraq u li f'kull każ ir-rikorrent ma ħaqqu l-ebda kumpens għad-danni billi t-talbiet tiegħu huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi;

Illi Mandy Azzopardi laqgħet ukoll għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li ma kinitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni tar-rikorrent. F'dan ir-rigward, fissret li hija la hija aġent tal-Istat u lanqas ma hija awtorità pubblika u la tista' twettaq ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-oħrajn u lanqas tagħti rimedji għalihom. Żiedet li hija ma tweġibx għall-azzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Kumitat u għalhekk ukoll imissha tinħeles milli tibqa' aktar fil-kawża. B'mod preliminari qalet ukoll li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' din il-kawża ladarba mid-deċiżjonijiet li jista' jieħu l-Kumitat jingħata d-dritt ta' appell quddiem il-Kummissjoni, u r-rikorrent imissu jinqeda b'dak ir-rimedju 'ordinarju' u mhux bi proċedura bħal din tal-lum. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li dak li jippreskrivi l-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni huwa biss indikattiv u jagħti lill-Kummissjoni l-jedd li ttawwal iż-żmien biex il-Kumitat iqis ilment li jkun tressaq quddiemu kontra xi avukat jew prokuratur legali. Żiedet tgħid li biċċa sewwa mill-ħtija għad-dewmien tas-smigħ tal-każ tiegħu quddiem il-Kumitat ġejja mir-rikorrent innifsu għaliex baqa' ma qagħadx għall-ordni mogħtija lilu mill-istess Kumitat biex iressaq dokumenti li ntalab iressaq u billi kien naqas għadd ta' drabi milli jidher għas-seduti fissati. Fissret li kellha tressaq l-ilment quddiem il-Kummissjoni minħabba li r-rikorrent kien injora l-kundanna għall-ħlas ordnata b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Settembru, 2009 mill-Qorti tal-Appell u kien ħallas biss wara żmien u meta l-Pulizija kienu bagħtu għalih. Issoktat billi tgħid li l-proċeduri quddiem il-Kumitat

u quddiem il-Kummissjoni huma maħsuba biex jiggarantixxu smigħ xieraq, u ssottomettiet li la l-Kostituzzjoni u lanqas il-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsemmu l-ħlas tad-danni fil-każ ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Fid-dawl ta' dan temmet tgħid li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda billi huma proċeduralment insostenibbli u fil-mertu mhumiex mistħoqqa.

Illi min-naħa tagħha, il-Kummissjoni intimata laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrent billi qalet li kemm hija u kemm il-Kumitat twaqqfu taħt il-Kostituzzjoni u l-Kapitolu 369 tal-Liġijiet ta' Malta, u li hija ma tistax twieġeb għall-għemil tal-Kumitat billi huma organi maqtugħa minn xulxin u jimxu għal rashom. Qalet ukoll li d-deċiżjonijiet tal-Kumitat ma humiex deċiżjonijiet finali billi minnhom hemm dritt ta' appell quddiemha u għalhekk ir-rikorrent għandu rimedju 'ordinarju' li jista' jinqeda bih. Żiedet tgħid li l-proċedimenti li minnhom jilmenta r-rikorrent jagħtuh smigħ xieraq u kull direttiva mogħtija minnha saret b'ħarsien tas-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi li taħtha twaqqfet. Temmet tgħid li ma huwa dovut lir-rikorrent l-ebda kumpens għad-danni;

Illi bħal bqija tal-intimati, il-Kumitat laqa' għax-xiljiet tar-rikorrenti billi b'mod preliminari qajjem l-eċċezzjoni li d-deċiżjonijiet tiegħu m'humiex finali għaliex minnhom hemm dritt ta' appell quddiem il-Kummissjoni, u minħabba f'hekk ir-rikorrent għandu rimedji 'ordinarji' li għadu jista' jinqeda bihom. Fil-mertu, qal li huwa r-rikorrent stess li jaħti għaż-żmien li għadda għas-smigħ tal-każ tiegħu u li l-proċeduri li minnhom jilmenta jagħtu smigħ xieraq. Temm billi qal li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi, u fid-dawl ta' dan, fisser li r-rikorrent ma jistħoqqlu l-ebda kumpens;

Illi b'sentenza mogħtija fit-22 ta' Marzu, 2018, din il-Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali llum imsejjaħ bħala l-Avukat tal-Istat, it-tielet eċċezzjoni tal-intimata Mandy Azzopardi, it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Kummissjoni intimata, u l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kumitat intimat, u fid-dawl ta' dan ħelsithom milli jibqgħu aktar fil-kawża, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

Illi b'sentenza tal-25 ta' Marzu, 2021, il-Qorti Kostituzzjonali ħassret is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tat-22 ta' Marzu, 2018, u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra ordnat it-tkomplija tal-kawża filwaqt li **ċaħdet**: (i) it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali llum imsejjaħ bħala l-Avukat tal-Istat, (ii) it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimata Mandy Azzopardi, (iii) it-tieni eċċezzjoni tal-Kummissjoni, u (iv) l-ewwel eċċezzjoni tal-Kumitat;

Illi bħala <u>fatti illi joħorġu mill-atti tal-kawża</u>, jirriżulta li r-rikorrent jaħdem bħala avukat u li għal xi żmien kien il-konsulent legali ta' Mandy Azzopardi, fi transazzjoni marbuta ma' xiri ta' ġid immobbli fis-Siġġiewi, kif

ukoll kien ippatroċinaha f'kawża dwar tilwima li nqalgħet b'rabta max-xiri ta' dik il-proprjetà[21]. Ġara li, mal-mixja taż-żmien, inqalgħet tilwima serja bejn ir-rikorrent, fil-pożizzjoni tiegħu bħala Avukat, u l-intimata Azzopardi, bħala klijenta tiegħu, u għal nofs is-sena 2011, Azzopardi ressqet ilment formali kontra r-rikorrent quddiem il-Kummissjoni[22]. Ftit tal-ġimgħat wara, tressaq ilment ieħor kontra r-rikorrent, din id-darba mill-intimat George Galea. Jirriżulta li dawn l-ilmenti ġew mgħoddija lill-Kumitat intimat biex jisma' l-każ kontra r-rikorrent skont il-liġi, u li dawn l-ilmenti ġew għall-għarfien tar-rikorrent f'Awwissu u f'Novembru tal-2011, rispettivament[23];

Illi jidher li wara li l-ilmenti tqiegħdu għas-smigħ, il-proċeduri dixxiplinarji kontra r-rikorrent ma tantx imxew b'ritmu mexxej, u għalkemm kien hemm xi seduti li fihom l-intimata Azzopardi ressqet xi provi biex issostni l-ilmenti tagħha, kien hemm xi seduti oħrajn li tħassru fuq talba għal differiment minn xi waħda mill-partijiet, kif ukoll kien hemm drabi oħra fejn il-Kumitat ma ltaqax minħabba li ma kienx milħuq il-kworum kif mitlub mill-artikolu 4(2) tal-Kap. 369 tal-Liġijiet ta' Malta[24];

Illi waqt seduta miżmuma mill-Kumitat fl-20 ta' Jannar, 2014, u fi stadju li matulu l-proċeduri waslu għall-provi tar-rikorrent, ir-rikorrent ġibed l-attenzjoni tal-istess Kumitat għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni u talab li kull smigħ u l-atti kollha li saru quddiem il-Kumitat fil-każ tiegħu wara t-terminu msemmi f'dak l-artikolu jitneħħew mill-atti u jitqiesu li ma jiswewx[25];

Illi b'deċiżjoni mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2014[26], il-Kumitat qatagħha li jiċħad it-talba tar-rikorrent kif verbalizzata waqt is-smigħ tal-20 ta' Jannar, 2014, fid-dawl tal-fatt li, b'deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni f'laqgħa tagħha tal-20 ta' Frar, 2014[27], kienet tawlet iż-żmien li fih il-Kumitat kellu jissokta jisma' l-każ tar-rikorrent bla ma semmiet kemm imissu jkun twil iż-żmien hekk imtawwal;

Illi l-Kumitat issokta bis-smigħ u jidher li, f'xi waqt tal-proċeduri, Mandy Azzopardi bdiet tinsisti sabiex jixhdu dawk l-Uffiċjali tal-Pulizija li nvestigaw lir-rikorrent fuq rapport tagħha. Ġara però li dawn l-uffiċjali investigattivi ma xehdux għaliex irrifjutaw[28];

---

[21] Ara l-affidavit tal-intimata Mandy Azzopardi, 'Dok. MA1', mehmuż mal-affidavit tar-rikorrent, f'paġġ. 162 – 3 tal-proċess. Ara wkoll l-ittra tal-intimata Mandy Azzopardi, datata 5 ta' Frar 2014, u li tifforma parti mill-atti tal-proċeduri tal-Kamra bin-numru ta' referenza 29/11. Il-kawża li saret referenza għaliha hija dik fl-ismijiet ta' ***Alfred P Fenech noe vs John sive Ivan Azzopardi noe et*** (Ċit. Nru. 1384/01AL).
[22] *Ibid*.
[23] Ara l-affidavit tar-rikorrent 'Dok APF', f'paġġ. 154 – 5 tal-proċess.
[24] Ara l-kontro-eżami tal-intimata Dr. Deborah Farrugia, Segretarja tal-Kumitat, f'paġ. 201 tal-proċess.
[25] Ara l-*verbal* tas-seduta tal-20 ta' Jannar, 2014, fil-proċeduri bin-numru 29/11.
[26] Ara l-minuti tas-seduta tas-17 ta' Marzu, 2014, fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 29/11 u 43/11, rispettivament.
[27] Ara l-minuti tal-laqgħa tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tal-20 ta' Frar 2014, li jiffurmaw parti mill-atti fil-proċeduri dixxiplinarji li r-rikorrent qiegħed jilmenta dwarhom.
[28] Ara l-affidavit tar-rikorrent, 'Dok APF', f'paġ. 158 tal-proċess.

Illi jidher ukoll li, bejn seduta u oħra, Mandy Azzopardi kellha tendenza li tibgħat ħafna korrispondenza lill-Kumitat li biha r-rikorrent ma kienx ikun ikkupjat[29]. Filwaqt li din il-korrispondenza kienet titqiegħed fil-fajl tal-proċeduri[30] u r-rikorrent dejjem ingħata aċċess għal dak il-fajl[31], dak l-aċċess kien jingħata biss wara li s-Segretarja tal-Kumitat tikseb il-permess tal-Kumitat[32]. M'huwiex ukoll ikkontestat li waqt li kien ikun qiegħed jeżamina l-proċess, ir-rikorrent kellu ordnijiet stretti li ma setax jieħu kopji mill-atti proċesswali, iżda notamenti biss[33]. Sabiex il-Kumitat jiżgura li din l-ordni kienet qed titħares, ir-rikorrent kien jitħalla jeżamina dawk l-atti fil-preżenza tas-Segretarja jew persuni oħrajn li jirrappreżentaw lill-Kumitat[34];

Illi din il-kawża tressqet fit-13 ta' Marzu, 2017, u fuq talba tar-rikorrent, il-Kumitat issospenda s-smigħ tal-proċeduri li dwarhom hija din il-kawża, u dan sakemm tinqata din il-kawża[35]. Talba tiegħu biex din il-Qorti tagħti provvediment provviżorju biex tordna t-twaqqif tal-proċediment kontrih ma kenitx intlaqgħet;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jolqtu l-każ tallum, ir-rikorrent qiegħed jilmenta minn ksur tal-jedd għal smigħ xieraq kif imħares kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Biex ifisser għalfejn huwa ġarrab dan il-ksur, ir-rikorrent qasam ir-Rikors li bih beda din il-kawża f'erba' taqsimiet, b'kull waħda fiha raġuni differenti għaliex huwa qed jilmenta minn ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;

Illi fl-ewwel parti, ir-rikorrent qiegħed essenzjalment jilmenta minn ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minħabba dewmien żejjed fil-proċeduri li nbdew kontrih mill-Kumitat intimat fuq talba tal-intimati Azzopardi u Galea. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jirreferi għall-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni u jisħaq li, fil-każ tiegħu, il-Kumitat "*qed joħroġ 'il barra mill-parametri kostituzzjonali u legali tiegħu*", billi dawk il-proċeduri kienu għadhom għaddejjin snin wara li nbdew, bi ksur ta' dak li jipprovdi l-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni dwar f'kemm żmien għandu jinqata' każ imressaq quddiem l-istess Kumitat. Sfiq ma' dan, jilmenta wkoll minn direttiva li ngħatat mill-Kummissjoni fl-20 ta' Frar, 2014, u li biha tawlet iż-żmien lill-Kumitat sabiex ikun jista' jissokta bis-smigħ tal-każ kontrih. Ir-rikorrent iqis lil din id-direttiva tal-Kummissjoni u kif ukoll il-ħarsien tagħha min-naħa tal-Kumitat hija bi ksur tal-liġi u, fuq is-saħħa ta' hekk, qiegħed jippretendi li kull ħaġa li saret fil-

---

[29] Ara l-kontro-eżami tar-rikorrent, f'paġ. 190 tal-proċess, kif ukoll il-kontro-eżami ta' Dr. Deborah Farrugia, f'paġ. 199 tal-proċess.
[30] Ara l-kontro-eżami tal-intimata Dr. Deborah Farrugia, f'paġ. 200 tal-proċess.
[31] Ara l-kontro-eżami tar-rikorrent f'paġ. 192 tal-proċess.
[32] Ara x-xhieda tal-intimata Dr. Deborah Farrugia, f'paġ. 178 tal-proċess u l-kontro-eżami tar-rikorrent, f'paġ. 190 tal-proċess.
[33] Ara x-xhieda tal-intimata Dr. Deborah Farrugia, f'paġ. 178 tal-proċess.
[34] Ara l-kontro-eżami tar-rikorrent, f'paġ. 192 tal-proċess.
[35] Ara l-kontro-eżami tal-intimata Dr. Deborah Farrugia, f'paġ. 201 – 2 tal-proċess.

proċeduri ta' kontrih wara li nqabeż iż-żmien imniżżel fl-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni, għandha titqies li hija nulla u mingħajr effett;

Illi fit-tieni parti, ir-rikorrent mbagħad jirreferi għal talba mill-Kumitat dwar il-produzzjoni ta' xi informazzjoni (li ma jispeċifikax x'inhi), li jfissirha bħala "*protetta mill-iskrutinju tiegħu jew ta' kull korp jew entità oħra, u/jew minn kwalsiasi terz*". Skont ir-rikorrent, dik it-talba mhux biss tisboq kull setgħa legali li għandu l-Kumitat, iżda hija wkoll bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;

Illi fit-tielet parti, ir-rikorrent jissokta billi jilmenta li l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq qiegħed jintrifes mill-Kumitat billi huwa qiegħed ikun imċaħħad minn aċċess faċli u ċert għall-atti proċesswali. Matul il-mixi tal-kawża ir-rikorrent kompla jiftaħ aktar fuq dan l-ilment u fisser li huwa kien qiegħed ikun imxekkel milli jara l-atti proċesswali billi huwa ma setax jarahom mingħajr il-permess tal-Kumitat, ma setax jieħu jew iżomm kopji mill-proċess iżda biss jieħu notamenti, u ma setax jara dawk l-atti bil-kwiet waħdu, iżda bilfors taħt superviżjoni;

Illi fl-aħħar nett, ir-rikorrent qiegħed ukoll jilmenta dwar il-Kumitat, kif kompost bl-Artikolu 3 tal-Kap. 369 tal-Liġijiet ta' Malta. Hawnhekk, ir-rikorrent jagħmilha ċara li huwa m'huwiex qiegħed jattakka biss il-kompożizzjoni tal-Kumitat kif impoġġi fil-każ tiegħu, iżda wkoll il-kompożizzjoni tal-Kumitat b'mod ġenerali, billi għalih dan "*ma jistax jitqies li jikkonsisti f'qorti jew tribunal indipendenti*";

Illi fid-dawl ta' dan kollu, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti tagħtih rimedju li mhux biss jikkonsisti f'dikjarazzjoni li ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq, iżda wkoll li jinkludi t-twaqqif tal-proċeduri ta' kontrih u l-għotja ta' kumpens monetarju kemm għad-danni materjali u kif ukoll dawk morali li qal li ġarrab b'riħet dak kollu li qiegħed jilmenta dwaru. Ir-rikorrent ħalla wkoll f'idejn il-Qorti sabiex tagħti kull direttiva li jidhrilha li hija meħtieġa sabiex issewwi l-ksur li qed jgħid li ġarrab;

Illi, min-naħa tagħhom, l-intimati qegħdin jgħidu, għal raġuni jew oħra, li r-rikorrent ma ġarrab l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Jaqblu bejniethom li l-proċeduri li qiegħed jilmenta dwarhom "*jagħtu smigħ xieraq*", u kemm il-Kumitat kif ukoll l-intimata Mandy Azzopardi jgħidu li huwa r-rikorrent stess li jaħti għad-dewmien f'dawk il-proċeduri. Kollha kemm huma (għajr għall-intimat Galea li ma rrispondiex għal din il-kawża), jisħqu li r-rikorrent m'għandu jingħata l-ebda danni u li t-talbiet tiegħu huma infondati fil-fatt kif ukoll fil-liġi, u b'hekk il-Qorti jmissha tiċħadhom kollha;

Illi kemm l-Avukat Ġenerali, illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat, kif ukoll l-intimata Azzopardi qajmu wkoll l-eċċezzjoni li huma m'humiex il-kontraditturi leġittimi għall-azzjoni tar-rikorrent, u li għalhekk għandhom jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża. Il-Qorti jidhrilha għalhekk li huwa xieraq u meħtieġ li qabel ma tibda tistħarreġ il-mertu tal-ilmenti tar-rikorrent, għandha qabel xejn, tistħarreġ l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-intimata Mandy Azzopardi kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat;

Illi fl-**ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari**, l-intimata Mandy Azzopardi tfisser li hija m'hijiex aġent tal-Istat u lanqas ma hija awtorità pubblika u minħabba f'hekk la tista' twettaq ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-oħrajn u wisq anqas li tagħti rimedji għalihom. Iżżid li hija ma tweġibx għall-azzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Kumitat u għalhekk m'hijiex il-kontradittriċi leġittima għall-azzjoni tar-rikorrent u jmissha tinħeles milli tibqa' aktar fil-kawża;

Illi r-rikorrent ma wieġeb xejn partikolari fis-sottomissjonijiet tiegħu dwar din l-eċċezzjoni. Min-naħa tagħha, Mandy Azzopardi lanqas ma laħħmet l-eċċezzjonijiet tagħha b'xi argumenti oħrajn, u dan għaliex minkejja li l-intimati ngħataw terminu sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub, hija naqset milli tagħmel hekk;

Illi l-Qorti tibda billi tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun qiegħed jiġi allegat mir-rikorrenti, kif ukoll mal-għamla ta' rimedju li jkun jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejaltà u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradittturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li allegatament jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xi ħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża[36]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

Illi m'huwiex kontestat li l-proċeduri li qiegħed jilmenta dwarhom ir-rikorrent inbdew fuq talba ta' Mandy Azzopardi, u li Mandy Azzopardi jista' għandha interess qawwi f'dawk il-proċeduri. Jidher ukoll biċ-ċar li Mandy Azzopardi qiegħda tieħu sehem attiv f'dawk il-proċeduri, u li meta r-rikorrent talab għat-tħassir ta' dak kollu li sar wara t-terminu mniżżel fl-artikolu

[36] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et.***

101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni, hija mhux biss opponiet għal dik it-talba permezz ta' tweġiba bil-miktub mill-avukat tagħha, iżda saħansitra kitbet ittra lill-President tar-Repubblika, fil-kapaċità tiegħu bħala President tal-Kummissjoni għall-Ammistrazzjoni tal-Ġustizzja, sabiex tesprimi l-fehmiet tagħha fir-rigward;

Illi lanqas m'hemm xi dubju, li f'din il-kawża, ir-rikorrent m'huwiex qiegħed jistenna biss dikjarazzjoni ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu u kumpens għal dak il-ksur, iżda wkoll qiegħed jitlob it-twaqqif tal-proċeduri li nbdew kontrih quddiem il-Kumitat, sewwasew fuq ilment ta' Azzopardi[37]. Dan ir-rimedju tal-aħħar huwa mbagħad imsejjes fuq ix-xilja li d-direttiva tal-Kummissjoni dwar it-tkomplija tal-proċeduri kontrih hija llegali u li dak kollu li sar mill-Kumitat wara t-terminu mniżżel fl-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni, huwa null u mingħajr effett;

Illi għalkemm huwa kollu minnu li l-intimata Azzopardi la hija xi aġent tal-Istat, la għandha twieġeb għal dak kollu li twettaq mill-Kummissjoni jew mill-Kumitat intimat, u wisq anqas ma tista' tinstab ħatja li kisret xi jedd fundamentali tar-rikorrent jew tiġi ordnata li ssewwi dak il-ksur[38], fuq ix-xaqliba l-oħra, huwa però daqstant ieħor minnu li l-preżenza tagħha f'din il-kawża hija meħtieġa, sabiex tkun tista' tħares l-interessi tagħha stess li għandha fit-tkomplija tal-proċeduri kontra r-rikorrent, kif ukoll sabiex din is-sentenza tkun tista' tagħmel stat fil-konfront tagħha[39]. Fis-sewwa, huwa fl-interess ta' Azzopardi nfisha li tibqa' f'din il-kawża sabiex il-Qorti tkun tista' tqis dak kollu li għandha xi tgħid, inkluż fl-eċċezzjonijiet tagħha fil-mertu, u għalhekk mexa sewwa r-rikorrent li ħarrikha bħala waħda mill-intimati f'din il-kawża u dan "*għal kull interess li jista' jkollha*";

Illi għalhekk, l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-intimata Azzopardi ser ikunu qegħdin jiġu **miċħuda**;

Illi fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu, l-Avukat tal-Istat qajjem ukoll l-eċċezzjoni li huwa m'huwiex il-kontradittur leġittimu għall-azzjoni tar-rikorrent u dan billi l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u s-sotto-kumitati tagħha huma organi kostituzzjonali maqtugħa u indipendenti mill-Gvern. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-Avukat tal-Istat kompla jinsisti dwar din l-eċċezzjoni u fisser li l-preżenza tiegħu f'din il-kawża m'hijiex meħtieġa billi l-qofol ta' din il-kawża huwa dwar proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Kumitat u l-Kummissjoni. Jgħid li f'dan il-każ, ir-rikorrent m'huwiex qiegħed jattakka xi liġi iżda biss il-mod ta' kif il-Kumitat mexxa l-proċeduri. Ifisser li l-funzjonijiet u l-proċedura tal-Kummissjoni u l-Kumitat huma regolati bl-artikolu

[37] Ara t-tieni talba tar-Rikors li bih infetħet din il-kawża, f'paġ. 2 tal-proċess.
[38] Kost. **26.11.2022**, fil-kawża fl-ismijiet ***Erika Gollicher et. v L-Avukat tal-Istat***, u Kost. **26.5.2021**, fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Cesareo et. v. L-Avukat Ġenerali et.***
[39] Kost. **13.10.2022**, fil-kawża fl-ismijiet ***B. Grima & Sons Ltd v. L-Avukat tal-Istat*** §36; Kost. **12.2.2018**, fil-kawża fl-ismijiet ***Marks & Charles Limited et v. Avukat Ġenerali et*** §15; u Kost. **25.4.2018**, fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Azzopardi pro. et. noe. v. Onor. Prim Ministru et.*** §12

101A tal-Kostituzzjoni, u jtemm jgħid li l-ġudizzju huwa integru bil-preżenza tal-Kummissjoni u tal-Kumitat;

Illi min-naħa tiegħu r-rikorrent ma ressaq l-ebda sottomissjoni biex jirribatti din id-difiża tal-Avukat tal-Istat;

Illi mingħajr ma hemm għalfejn jingħad ħafna, il-Qorti ma taqbilx mal-Avukat tal-Istat għal żewġ raġunijiet. L-ewwel waħda hija li m'huwa xejn minnu li r-rikorrent m'huwiex qiegħed jattakka xi liġi iżda biss l-għemil tal-Kumitat fit-tmexxija tal-proċeduri li wasslu għal din il-kawża. Kif rajna aktar kmieni, wieħed mill-ilmenti ewlenin tar-rikorrent huwa dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat kif imwaqqaf bl-artikolu 3 tal-Kap. 369 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan mhux biss bil-mod ta' kif inhu ffurmat fil-każ speċifiku tiegħu, iżda b'mod ġenerali kif provdut fil-liġi [40]. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li ġaladarba r-rikorrent qiegħed jattakka l-kompożizzjoni tal-Kumitat fuq il-premessa li dan "*ma jistax jitqies li jikkonsisti f'qorti jew tribunal indipendenti*"[41], ir-rikorrent qiegħed effettivament jattakka l-liġi li biha huwa kompost dak il-Kumitat. Fuq hekk biss, il-preżenza tal-Avukat tal-Istat hija meħtieġa[42];

Illi t-tieni raġuni għalfejn l-Avukat tal-Istat ma jistax jippretendi li għandu jinħeles minn din il-kawża, ironikament tinsab fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu stess, u li fiha stqarr kif "*il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u s-sotto-kumitati tagħha huma organi kostituzzjonali indipendenti mill-Gvern*". Fis-sewwa, kemm il-Kummissjoni intimata kif ukoll il-Kumitat intimat huma organi kostituzzjonali li ma jistgħux jitqiesu bħala parti mill-"Gvern" fit-termini tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġaladarba l-artikolu 181B jgħodd ukoll għar-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern fi proċeduri ta' sura kostituzzjonali[43], il-preżenza tal-Avukat tal-Istat f'din il-kawża hija meħtieġa bis-subinċiż tnejn (2) ta' dak l-artikolu, u sewwasew għaliex m'hemm l-ebda kap ta' xi dipartiment tal-Gvern li jista' jirrappreżenta lill-Gvern f'din il-kawża. Bla dubju ta' xejn, il-preżenza tal-Gvern f'kawżi ta' sura kostituzzjonali hija meħtieġa għall-integrità tal-ġudizzju[44] u, fiċ-ċirkostanzi, l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat qiegħda tiġi **miċħuda**;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-mertu tal-azzjoni**, kif rajna, ir-rikorrent qiegħed isejjes l-azzjoni tiegħu fuq erba' raġunijiet ewlenin, li l-Qorti se tistħarriġhom fl-istess ordni li tressqu minnu fir-Rikors li bih ressaq din il-kawża;

---

[40] Ara l-premessa ta' qabel tal-aħħar fir-Rikors li bih inbdiet din il-kawża, f'paġ. 2 tal-proċess.
[41] *Ibid*.
[42] Kost. **12.5.2022**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Amand Paul Veranneman v. L-Avukat tal-Istat et,*** u Kost. **16.10.2008**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Dr. Philip Saliba pro. et. noe. v. Kummissarju tal-Artijiet***.
[43] PA. (Kost.) **30.11.2006**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Maria Muscat et. v. Benny Dingli et.*** (ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-**20.2.2009**).
[44] Kost. **27.1.2014**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***L-Imħallef Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco v. L-Onor. Prim Ministru et.***; u Kost. **25.10.2003**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Olaf Cini v. Ir-Repubblika ta' Malta.***

Illi **l-ewwel raġuni** li għaliha r-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti ssib li huwa ġarrab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni hija msejsa fuq **it-tul taż-żmien li ilhom għaddejjin il-proċeduri li nbdew kontrih mill-Kumitat fuq talba tal-intimati Azzopardi u Galea**. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jirreferi għall-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni, u jisħaq li, fil-każ tiegħu, il-Kumitat "*qed joħroġ 'il barra mill-parametri kostituzzjonali u legali tiegħu*", billi dawk il-proċeduri għadhom pendenti quddiemu, bi ksur ta' dak li jipprovdi l-imsemmi artikolu dwar f'kemm żmien għandu jinqata' xi każ li jkun tressaq quddiemu. Sfiq ma' dan, jilmenta wkoll minn direttiva li ngħatat mill-Kummissjoni fl-20 ta' Frar, 2014, u li biha ttawwal iż-żmien tal-Kumitat sabiex ikun jista' jissokta bis-smigħ tal-każ kontrih. Ir-rikorrent iqis lil din id-direttiva tal-Kummissjoni u kif ukoll il-ħarsien tagħha min-naħa tal-Kumitat hija bi ksur tal-liġi u, fuq is-saħħa ta' hekk, qiegħed jippretendi li kull ħaġa li saret fil-proċeduri ta' kontrih wara li nqabeż iż-żmien imniżżel fl-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni, għandha titqies li hija nulla u mingħajr effett;

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrent kompla jiftaħ aktar dwar dawn l-ilmenti u b'mod partikolari jisħaq li l-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni jimponi terminu tassattiv ta' xahrejn li, għalkemm jista' jiġġedded mill-Kummissjoni, dan ma jistax jaqbeż l-erba' xhur "*ħlief għal raġunijiet eċċezzjonali ħafna*". Ifisser li l-proċeduri ta' kontrih tnedew f'Awwissu 2011 u li għalkemm huwa rreġistra l-oppożizzjoni tiegħu dwar it-tkomplija tal-proċeduri quddiem il-Kumitat permezz ta' verbal, kważi sentejn u nofs wara li daħal l-ilment kontrih, jirraġuna li, f'dak il-mument, it-terminu kien ilu li skada bil-bosta u li, f'kull każ, huwa lanqas ma kellu għalfejn iġib dak l-istat ta' fatt għall-attenzjoni tal-Kumitat. Jirraġuna li l-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni, huwa mfassal b'tali mod li, hekk kif jagħlaq it-terminu msemmi fih, il-każ għandu jittieħed minn idejn il-Kumitat u għandu jitkompla u jintemm mill-Kummissjoni. Jilmenta li l-intimati ma taw l-ebda ġustifikazzjoni tajba għalfejn imxew bil-mod ta' kif għażlu li jimxu u jilmenta li, fiċ-ċirkustanzi li fihom it-terminu tal-Kumitat kien ilu li skada fuq sentejn, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda setgħa fil-liġi li testendi dak it-terminu, u li f'kull każ xorta riedet tindika "*raġuni eċċezzjonali*" sabiex tissostanzja dik l-estensjoni: ħaġa li naqset milli tagħmel. Jissokta billi jorbot dan kollu mal-jedd tiegħu li jingħata smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u jisħaq li l-Kumitat huwa ħati ta' dewmien żejjed kemm billi ma ħarisx it-termini mniżżla fl-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll għaliex fl-istadju tal-provi tal-intimata Mandy Azzopardi, il-Kumitat ħalliha tidħol f'ċertu dettalji li jfissirhom bħala rrelevanti, u ħalliha tirrepeti dak li kienet diġà xehdet dwaru bla rażan ta' xejn. Itemm billi jfisser li t-termini mniżżla fl-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni qegħdin hemmhekk sabiex jiżguraw li prattikant legali bħalu ma jkunx soġġett għal proċeduri dixxiplinarji għal żmien twil, u dan għaliex dawk il-proċeduri jistgħu jolqtu l-għixien tiegħu u mhux b'inqas is-serħan il-moħħ tiegħu;

Illi fuq ix-xaqliba l-oħra, l-intimati Mandy Azzopardi, u l-Kumitat irribattew billi qajmu l-eċċezzjoni li d-dewmien li qiegħed jilmenta dwaru r-rikorrent jaħti għalih huwa stess u dan bil-mod ta' kif ġab ruħu f'dawk il-proċeduri. Min-naħa tagħha, l-intimata Azzopardi tispeċifika li r-rikorrent baqa' ma qagħadx għall-ordni mogħti lilu mill-istess Kumitat biex iressaq xi dokumenti li ntalab iressaq u billi naqas ukoll għal għadd ta' drabi milli jidher għas-seduti ffissati mill-Kumitat. Fissret li hija kellha tressaq l-ilment quddiem il-Kummissjoni minħabba li r-rikorrent baqa' ma tax każ tal-kundanna għall-ħlas ordnata b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Settembru, 2009 mill-Qorti tal-Appell u qalet li r-rikorrent kien ħallas biss wara ż-żmien u meta l-Pulizija kienu bagħtu għalih. Sa fejn imbagħad għandhom x'jaqsmu l-ilmenti tal-appellant dwar in-nuqqas ta' tħaris tat-terminu fl-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni, l-intimata Azzopardi wieġbet li dak l-artikolu huwa biss indikattiv u jagħti lill-Kummissjoni l-jedd li ttawwal iż-żmien biex il-Kumitat jissokta bl-ismigħ tal-ilment li jkun tressaq quddiemu kontra xi avukat jew prokuratur legali. Tfisser li f'dan il-każ kienet il-Kummissjoni nfisha li tawlet iż-żmien lill-Kumitat, u f'dan l-isfond targumenta li ma tirriżulta l-ebda nullità fil-proċeduri.

Illi min-naħa tagħha, il-Kummissjoni ddefendiet l-estensjoni li tat lill-Kumitat sabiex jissokta bis-smigħ tal-ilmenti kontra r-rikorrent billi ressqet l-eċċezzjoni li dik id-direttiva ngħatat minnha skont is-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi u għalhekk ir-rikorrent jgħid ħażin li dak it-titwil taż-żmien sar bi ksur tal-liġi;

Illi l-Avukat tal-Istat, għalkemm ma qajjem l-ebda eċċezzjoni speċifika fir-rigward tal-ilmenti dwar id-dewmien u d-direttiva tal-Kummissjoni, fin-nota ta' sottomissjonijiet ressaq bosta argumenti li bihom kompla jsostni l-eċċezzjonijiet tal-bqija tal-intimati dwar kif l-ilmenti tar-rikorrent dwar id-dewmien m'humiex mistħoqqa. B'mod partikolari, issottometta li l-proċeduri li qiegħed jilmenta dwarhom ir-rikorrent m'għandhomx ikunu mistħarrġa f'parti, iżda fis-sħiħ tagħhom. Iżid li f'ilmenti ta' din ix-xorta, il-Qorti għandha tieħu qies ta' bosta fatturi fosthom, il-kumplessità tal-każ, l-imġiba tal-partijiet, speċjalment dik tar-rikorrent, is-sehem tal-awtorità ġudizzjarja, kif ukoll dwar x'hemm involut għar-rikorrent. Jissottometti li l-ilment tar-rikorrent m'għandux jitqies f'termini dojoq daqslikieku l-Kumitat kellu biss quddiemu l-proċeduri li jolqtu lir-rikorrent u għalhekk il-Qorti għandha tieħu anke qies tal-perspettiva reali tas-sitwazzjoni. Jissokta billi mbagħad jirreferi għall-imġiba tar-rikorrent fil-proċeduri li qiegħed jilmenta dwarhom u f'dan ir-rigward jirreferi għax-xhieda mogħtija mis-Segretarja tal-Kumitat fis-7 ta' April, 2022, li fiha stqarret kif kien hemm bosta seduti li ma sarux minħabba n-nuqqas ta' preżenza tar-rikorrent, kif ukoll għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, il-proċeduri twaqqfu billi kien ir-rikorrent stess li, wara li nbdiet din il-kawża, talab għas-soprasessjoni tal-proċeduri. Jisħaq li meta r-rikorrent jikkontribwixxi għad-dewmien, l-Istat m'għandux jerfa' r-

responsabbiltà li m'hijiex tiegħu u fuq hekk jikkonkludi li l-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq ma ġiex mittiefes;

Illi kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Kumitat ressqu wkoll bosta sottomissjonijiet b'sostenn tal-eċċezzjonijiet tagħhom. Minbarra dawk is-sottomissjonijiet li jixxiebhu ħafna ma' dawk imressqa mill-Avukat tal-Istat, u li minħabba f'hekk mhux ser jerġgħu jittennew, il-Kummissjoni u l-Kumitat, filwaqt li stqarrew li r-rapport tal-konklużjonijiet tal-Kumitat tassew ma ġiex imressaq lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn minn meta l-kwistjoni tressqet għall-ewwel darba quddiem il-Kumitat, madanakollu fakkru li f'dan il-każ, il-Kummissjoni wettqet is-setgħat mogħtija lilha bil-liġi u tat lill-Kumitat estensjoni biex ikun jista' jissokta bis-smigħ tal-proċeduri. Jgħidu li l-fatt waħdu li r-rikorrent dam aktar minn sentejn biex qajjem il-kwestjoni tat-terminu, u kważi tliet snin biex ressaq din il-kawża wara li ngħatat id-direttiva tal-estensjoni, turi kif l-ilmenti tar-rikorrent m'humiex sinċieri. Jissoktaw billi jisħqu li l-imġiba tar-rikorrent fil-proċeduri li qed jilmenta dwarhom, tistona bil-wisq mal-argumenti tiegħu f'din il-kawża. F'dan ir-rigward isemmu bosta ġrajjiet li seħħew matul il-proċeduri biex ifissru kif u x'fatta r-rikorrent ikkontribwixxa għad-dewmien. B'mod partikolari jgħidu li r-rikorrent kellu jibda jressaq il-provi tiegħu fis-seduta tal-20 ta' Jannar, 2014, u li sal-aħħar seduta sakemm inbdiet din il-kawża huwa kien għadu ma għalaqx il-provi tiegħu. Iżidu li mill-verbali tal-proċeduri jkompli jidher kif ir-rikorrent beda biss bix-xhieda tiegħu fis-16 ta' Novembru, 2015 u li huwa saħansitra ma marx għall-kwart tas-seduti tal-Kumitat. Jirreferu wkoll għall-każ fejn kellu jinħareġ mandat ta' skorta fil-konfront tar-rikorrent u f'dan is-sens jargumentaw li din l-imġiba min-naħa tal-Kumitat turi kif ma kienx l-għan tal-Kumitat li jitwalu l-proċeduri;

Illi wara li xtarret dak kollu li kellhom xi jgħidu l-partijiet, il-Qorti titlaq billi tosserva f'dan il-każ, ir-rikorrent qiegħed jibni l-ilmenti tiegħu kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll dawk tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, li jitkellem dwar l-elementi bażiċi għat-tgawdija ta' smigħ xieraq, jirreferi kemm għal dawk il-proċeduri li fihom wieħed jiġi akkużat b'reat kriminali, kif ukoll għal dawk li jwasslu "*għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili*"[45]. Fiż-żewġ każijiet, il-Kostituzzjoni tisħaq fuq 'smigħ xieraq', egħluq fi żmien raġonevoli, minn Qorti imparzjali w indipendenti mwaqqfa b'liġi. L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jisħaq dwar l-istess elementi, u għalhekk il-kriterju tal-ħeffa raġonevoli huwa meqjus bħala parti integrali mill-jedd għal smigħ xieraq kif imħares kemm taħt il-Kostituzzjoni kif ukoll taħt il-Konvenzjoni;

[45] Estratt meħud mill-Art. 39(2) tal-Kostituzzjoni.

Illi huwa mifhum u stabbilit li n-nuqqas min-naħa ta' awtorità ġudikanti li tħares xi terminu impost mil-liġi ma jwassalx għall-ksur awtomatiku tal-jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli[46]. Għalkemm huwa veru li r-regoli tal-proċedura qegħdin hemm biex jitħarsu, u li wieħed għandu bir-raġun jassumi li dawn qegħdin hemm biex fuq kollox jgħinu fl-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, b'daqshekk ma jfissirx li jekk ċertu termini ma jiġux mħarsa, allura l-konsegwenza tkun ta' bilfors, li jkun hemm dewmien mhux raġonevoli, bi ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni[47]. Il-ħarsien tat-termini li l-liġi titlob dwar it-tul ta' ċertu proċeduri, jista' jkun għalhekk fattur relevanti, iżda mhux determinati, dwar jekk it-tul ta' dawk il-proċeduri jkunx qabeż il-limiti ta' dak li jista' jitqies bħala 'raġonevoli'. Minħabba f'hekk, il-fatt waħdu li f'dan il-każ inqabeż it-terminu mniżżel fl-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni, m'huwiex biżżejjed biex ir-rikorrent jingħata raġun fl-ilmenti tiegħu, u l-Qorti jeħtiġilha tagħmel kunsiderazzjonijiet ulterjuri;

Illi kif issottomettew tajjeb il-Kummissjoni, il-Kumitat u l-Avukat tal-Istat, huwa mifhum u stabbilit li fl-istħarriġ tal-aspett tar-raġonveolezza fit-tmexxija 'l quddiem tal-kawżi, il-Qorti għandha tistħarreġ iċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ, u dan billi b'mod partikolari tgħarbel erba' fatturi li huma: (i) il-kumplessità tal-każ, (ii) ix-xorta ta' implikazzjonijiet li l-każ għandu jew jista' jkollu fuq ir-rikorrent (iii) l-imġiba tar-rikorrent; u (iv) il-mod u manjiera ta' kif l-awtorità ġudikanti tkun qed tmexxi jew mexxiet il-każ[48];

Illi f'dan il-qafas, il-Qorti tibda billi tosserva li f'dan il-każ l-ebda waħda mill-partijiet, sew fuq naħa kif ukoll fuq l-oħra, ma ressqu xi sottomissjoni partikolari dwar il-livell ta' kumplessità tal-każ li l-Kumitat kellu quddiemu. Agħar minn hekk, la r-rikorrent u wisq anqas xi wieħed mill-intimati ma ndenjaw li jressqu kopja tal-ilment formali li tressaq quddiem il-Kummissjoni mill-intimati Azzopardi u Galea. Lanqas ma tressqet xi prova tax-xorta ta' difiżi li ġew imqanqla mir-rikorrent, biex b'hekk il-Qorti kien ikollha għarfien sħiħ dwar jekk, b'dawk id-difiżi, il-każ kompliex jikkumplika aktar ruħu. Naturalment, provi bħal dawn kienu jgħinu aktar il-pożizzjoni tal-intimati minn dik tar-rikorrent, u għalhekk kien jaqa' fuq l-intimati li jippruvaw li l-każ tar-rikorrent dam aktar milli jmissu minħabba l-kumplessità tiegħu. Kif ingħad, l-intimati naqsu milli jagħmlu dan;

Illi sa fejn imbagħad għandhom x'jaqsmu l-implikazzjonijiet li l-proċeduri in kwistjoni jista' jkollhom jew għandhom fuq ir-rikorrent, il-Qorti tqis li f'dan il-każ, dawn joħorġu mil-liġi stess u sewwasew mis-subinċiż sebgħa (7) tal-artikolu 3 tal-Kap. 369. Minn hemmhekk jirriżulta li f'każ li l-Kumitat

[46] Q.E.D.B. **7.2.2006**, fil-kawża fl-ismijiet ***Debono v. Malta*** (Applik. Nru. 34539/02) §39; Q.E.D.B. **27.2.1992**, fil-kawża fl-ismijiet ***G. v. Italja*** (Applik. Nru. 24/1991/276/347) §17; u Q.E.D.B. **30.10.1991**, fil-kawża fl-ismijiet ***Wiesinger v. Awstrija*** (Applik. Nru. 11796/85) §60.
[47] Kost. **30.6.2003**, fil-kawża fl-ismijiet ***Nicholas Debono et. v. Reġistratur Prinċipali tal-Qrati tal-Ġustizzja et.***
[48] Q.E.D.B. **21.7.22**, fil-kawża fl-ismijiet ***Bielinski v. Polonja*** (Applik. Nru. 48762/19) § 42.

jikkonkludi li l-avukat li jitressaq quddiemu ikun ġab ruħu ħażin fit-twettiq tad-dmirijiet professjonali tiegħu, dak il-Kumitat jista' fost affarijiet oħrajn, jitlob lill-Kummissjoni biex tirrakomanda lill-Prim Ministru ħalli jagħti parir lill-President ta' Malta sabiex dak l-avukat jiġi sospiż mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, sew għal żmien speċifikat jew saħansitra għal dejjem. Kif qiegħed jgħid sewwa r-rikorrent, konsegwenzi ta' din ix-xorta m'humiex ċkejknin għal avukat li jaqla l-għejxien tiegħu mill-professjoni tal-avukatura, u minħabba n-natura serja tagħhom jitolbu ħeffa akbar meta mqabbla ma każijiet oħra;[49]

Illi fattur ieħor li l-Qorti jmissha tistħarreġ huwa l-kondotta tar-rikorrent, u sewwasew jekk ir-rikorrent ikkontribwiex huwa nnifsu għad-dewmien li qiegħed jilmenta dwaru. F'dan ir-rigward, huwa mifhum li għalkemm l-awtoritajiet ġudizzjarji m'għandhomx jinstabu responsabbli għat-tħaddim ta' tattiċi li bihom xi parti tkun qiegħda tipprova ttawwal kemm jista' jkun il-proċeduri, madankollu dan it-tkaxkir tas-saqajn ma jeżentax lill-awtoritajiet ġudizzjarji għal kollox minn dmirhom sabiex jiżguraw li l-proċeduri li jkun hemm pendenti quddiemhom ma jiħdux aktar minn dak li fis-sewwa huwa raġonevolment meħtieġ[50]. Bl-istess mod, il-kondotta tar-rikorrent lanqas ma tiġġustifika perjodi twal li matulhom il-mixi tal-proċeduri jistaġna;

Illi għalkemm l-intimati qegħdin jippuntaw subgħajhom lejn l-imġiba tar-rikorrent sabiex jippruvaw jiġġustifikaw it-tul ta' żmien li ħadu l-proċeduri li qiegħed jilmenta dwarhom, il-Qorti jidhrilha li l-intimati ma rnexxielhomx jippruvaw dak kollu li tennew, b'mod partikolari fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Kumitat. Ħafna mill-fatti mniżżla hemmhekk m'humiex sostnuti bi provi. B'eżempju, il-verbali tal-proċeduri, li f'każijiet bħal dawn huma meqjusa waħda mill-aħjar, jekk mhux l-aqwa prova tal-kondotta tal-partijiet fil-kawża. L-unika verbali li l-intimati għoġobhom iressqu sabiex jiffurmaw parti mill-atti tal-kawża kienu biss dawk għas-seduti tal-20 ta' Jannar, 2014 u tas-17 ta' Marzu, 2014, rispettivament. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li l-Qorti ma tistax tqis bħala ppruvat dak li jkun ingħad f'nota ta' sottomissjonijiet jew fit-trattazzjoni bil-fomm[51] u, fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tistax tieħu kont tal-parti l-kbira ta' dawk il-fatti msemmija f'paġna 8 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissjoni[52] u tal-Kumitat,[53] li ma ġewx imsaħħa b'xi prova waqt is-smigħ tal-kawża;

Illi f'dan l-isfond, il-Qorti hija tal-fehma li l-unika fatti li ġew b'xi mod jew ieħor sostnuti bil-provi dwar il-ħtija diretta jew indiretta tar-rikorrent għad-dewmien fil-proċeduri li qiegħed jilmenta dwarhom, huma biss li: (i)

[49] QEDB, **06.04.2000**, fil-kawża fl-ismijiet ***Thlimmenos v. Greċja*** (Applik. 34369/97) § 60.
[50] Q.E.D.B.**2.9.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Mincheva v. Bulgarija*** (Applik. 21558/03) § 68.

[51] Kost. **26.5.2021**, fil-kawża fl-ismijiet ***Lineker Micallef v. L-Avukat Ġenerali et.*** § 11. u PA. Ċiv. **1.7.2022** fil-kawża fl-ismijiet ***C.& F. Building Contractors Limited v. Ghaqda Mużikali Annunzjata AD 1862***, § 86 (konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-**25.1.2023).**
[52] Paġ. 227 tal-proċess.
[53] Paġ. 257 tal-proċess.

bħalissa l-proċeduri m'għandhomx jinstemgħu fuq talba tiegħu għal soprassessjoni sakemm tinqata' din il-kawża u li huwa kien għadu m'għalaqx il-provi tiegħu[54]; (ii) li kien hemm xi drabi li ma saritx xi seduta billi huwa talab differiment jew inkella baqa' ma deherx[55]; u (iii) li huwa baqa' passiv sa Jannar 2014, u sewwasew sal-istadju tal-provi tiegħu, biex qajjem għall-ewwel darba l-ilment li kien għadda t-terminu impost bl-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni[56];

Illi minkejja dawn il-fatti li għadhom kif issemmew juru kif ir-rikorrent seta', b'mod jew b'ieħor ikkontribwixxa għad-dewmien fil-proċeduri mill-mument li kien imissu jibda jressaq il-provi tiegħu 'l quddiem, madankollu, dawn il-provi ma jixħtu l-ebda dawl partikolari dwar ir-raġuni għalfejn il-proċeduri ħadu kważi sentejn u nofs biex l-intimata Azzopardi temmet tressaq il-provi tagħha. Fis-sewwa, għalkemm ingħad li ċertu seduti ma sarux għaliex ir-rikorrent naqas milli jattendi jew għax talab xi differiment, l-intimati la speċifikaw f'liema waqt tal-proċeduri ntalbu dawk id-differimenti u lanqas ma semmew il-frekwenza ta' dawk it-talbiet jew inkella liema kienu dawk is-seduti li tħassru minħabba n-nuqqas ta' dehra tar-rikorrent. Hekk ukoll, lanqas m'hemm xi prova siewja li ssostni s-sottomissjoni tal-Kumitat u tal-Kummissjoni li r-rikorrent naqas milli jattendi għal madwar kwart tas-seduti. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tistax għalhekk tqis li r-rikorrent huwa waħdu direttament responsabbli għal dak it-tul taż-żmien li ħadu l-proċeduri, u dan tal-inqas, sakemm kien imiss lilu li jibda jressaq il-provi fis-sena 2014;

Illi l-kunsiderazzjonijiet li jmiss isiru huma dwar l-imġiba tal-awtorità ġudikanti fil-proċediment imniedi kontra r-rikorrent, u sewwasew dik tal-Kumitat u kif ukoll dik tal-Kummissjoni sa fejn imbagħad għandha x'taqsam id-direttiva dwar l-estensjoni tat-terminu skont l-artikolu 101(6)(b) tal-Kostituzzjoni u l-issoktar tas-smigħ tal-proċeduri quddiem il-Kumitat;

Illi sa fejn għandha x'taqsam l-imġiba tal-Kumitat, il-Qorti tibda billi tosserva li fix-xhieda maħlufa tiegħu, ir-rikorrent ilmenta li l-Kumitat ħa attitudni wisq passiva waqt il-ġbir tal-provi min-naħa tal-kwerelanti, Mandy Azzopardi. B'mod partikolari, ir-rikorrent fisser li l-istadju tal-ġbir tal-provi ta' Azzopardi kien ikkaratterizzat b'ħafna ripetizzjonijiet għal xejn, u bit-tressiq ta' xhieda rrelevanti[57]. Għalkemm ma jistax jingħad li din hija xi prova oġġettiva jew determinanti, min-naħa l-oħra l-intimati ma ressqu l-ebda prova sabiex jirribattu din il-verżjoni tar-rikorrent u, kif ingħad aktar qabel, wisq anqas li fissru fil-konkret għalfejn l-istadju tal-ġbir tal-provi tal-kwerelanti dam madwar sentejn u nofs. Lanqas ma jista' jitħalla barra l-fatt kif l-istess kwerelanti Azzopardi kienet saħansitra qiegħda tilmenta dwar kemm il-Kumitat kien qed imexxi l-proċeduri

[54] Ara l-kontro-eżami tal-intimata Dr. Deborah Farruġia, f'paġġ. 201 – 2 tal-proċess.
[55] *Ibid.* f'paġ. 201.
[56] *Ibid.* U ara l-*verbal* tas-seduta tal-Kumitat tal-20 ta' Jannar, 2014.
[57] Ara l-affidavit tar-rikorrent, 'Dok APF', f'paġ. 155 tal-proċess, u l-kontro-eżami tar-rikorrent f'paġ. 193 tal-proċess.

bil-lajma. Din il-ħaġa mhux biss stqarritha s-Segretarja tal-Kumitat waqt il-kontro-eżami tagħha[58], iżda hija wkoll imsaħħa mill-kontenut ta' ittra datata 5 ta' Frar 2014, li fiha l-kwerelanti Azzopardi lmentat dwar id-dewmien fil-proċeduri, bħal pereżempju l-perjodu ta' ħames xhur biex ġie appuntat il-każ, iż-żmien konsiderevoli li għadda biex inqablet mill-partijiet kollha data għas-seduta ta' wara, kif ukoll dwar dewmien proċedurali ieħor. Huwa wkoll rilevanti li s-Segretarja tal-Kumitat stess stqarret li ċertu seduti ma sarux għaliex il-Kumitat ma laħaqx il-kworum mitlub mil-liġi[59]. Fl-aħħar u mhux l-inqas, tajjeb li wieħed jgħid ukoll li l-Kumitat naqas għal kollox milli juri x'miżuri ħa sabiex jgħaddi għar-rapport tiegħu kemm jista' jkun malajr, bit-tħaris tat-termini qosra mniżżla fl-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni, u x'kien dak li żammu milli ma jagħmilx hekk;

Illi għandu wkoll jingħad li kieku stess id-dewmien huwa konsegwenza tal-pressjoni tax-xogħol li għandu quddiemu il-Kumitat, il-Qorti jidhrilha li sakemm din il-pressjoni ma tkunx biss temporanja, dan m'għandux ikun xi fattur li jista' jkun ta' xi fejda għall-intimati. Ingħad kemm-il darba li l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jimponi fuq l-Istati firmatarji tal-Konvenzjoni, id-dmir li jorganizzaw is-sistemi ġudizzjarji tagħhom b'tali mod li jkunu effiċjenti u jistgħu jħarsu l-kriterju tar-raġonevolezza tad-dewmien tal-proċeduri[60]. F'kawżi bħal dawn, l-Istat jista' jkun għalhekk ukoll responsabbli għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, billi jonqos milli jieħu dawk il-passi li jkunu meħtieġa, magħdud it-tibdil fil-liġi jew inkella żieda fir-riżorsi, biex l-awtorità ġudikanti tkun tista' tlaħħaq mal-volum ta' każijiet li jkunu qegħdin jispiċċaw f'ħoġorha[61]. Għalkemm, f'dan il-każ, il-Kumitat m'huwiex qiegħed jattribwixxi t-tul taż-żmien għall-pressjoni ta' xogħol, il-Qorti rat li f'minuta tal-laqgħa tal-20 ta' Jannar, 2014, dak il-Kumitat mhux biss irreġistra li għandu volum kbir ta' xogħol iżda wkoll semma "***in-nuqqas ta' riżorsi li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu***". Fil-fehma tal-Qorti, dan huwa fattur ieħor li għandu jitqies fost il-kunsiderazzjonijiet li jmisshom isiru;

Illi din il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, u speċjalment: (i) tal-ħeffa li hija meħtieġa fi proċeduri dixxiplinarji li jistgħu jwasslu għal restrizzjonijiet fuq il-prattika ta' xi professjoni liberali bħal dik ta' avukat; (ii) it-termini qosra li hemm imniżżla fl-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni; (iii) in-nuqqas ta' provi min-naħa tal-Kumitat sabiex ifisser x'miżuri ħa sabiex jagħmel dak kollu li jista' ħalli jħares it-termini mniżżla fl-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni; (iv) in-nuqqas ta' raġunijiet siewja għalfejn l-istadju tal-ġbir tal-provi min-naħa tal-kwerelanti Azzopardi dam kważi sentejn u nofs; (v) il-fatt li saħansitra l-istess kwerelanti kienet qiegħda tilmenta min-nuqqas ta' ħeffa fil-

[58] Fil-kontro-eżami tas-7 ta' Frar, 2022, f'paġna 199 tal-proċess, l-intimata Dr. Deborah Farruġia stqarret li: "*Iva fil-fatt Mandy Azzopardi kienet tibghat hafna emails, li hafna minnhom kienu jkunu l-istess.* ***Tgerger u tgħid għax qed iddumu*****".**
[59] Ara x-xhieda ta' Dr. Deborah Farruġia, f'paġ. 201 tal-proċess.
[60] Q.E.D.B. **21.7.2022**, fil-kawża fl-ismijiet ***Bielinski v. Polonja*** (Applik 48762/19) §§ 43-4.
[61] Q.E.D.B. **10.5.2011**, fil-kawża fl-ismijiet ***Finger v. Bulgarija*** (Applik. 37346/05) § 95.

mixi tal-proċeduri; (vi) il-fatt li kien hemm xi seduti li tħassru minħabba li ma ntlaħaqx il-kworum mill-membri tal-Kumitat kif mitub mil-liġi; (vii) l-istqarrija min-naħa tal-Kumitat li għandu nuqqas ta' riżorsi, u dan minkejja l-volum kbir ta' xogħol li għandu, kif ukoll (viii) il-fatt li m'hemmx provi konkreti li juru kif ir-rikorrent ikkontribwixxa direttament għad-dewmien, minn tal-inqas sal-perjodu li fih kellu jibda jressaq il-provi, il-Qorti ssib li r-rikorrent għandu tassew raġun meta qiegħed jilmenta minn ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Fuq hekk biss l-ewwel talba tar-rikorrent hija mistħoqqa;

Illi sa fejn imbagħad għandha x'taqsam il-kwestjoni dwar id-direttiva tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar, 2014, u sewwasew dik li biha tawlet it-terminu lill-Kumitat sabiex jissokta bis-smigħ tal-proċeduri kontra r-rikorrent, il-Qorti tosserva li l-ilmenti tar-rikorrent fir-rigward huma essenzjalment tnejn: (i) li l-Kummissjoni ma kellhiex is-setgħa fil-liġi li testendi t-terminu billi kien ilu li skada, u (ii) li, f'kull każ, il-Kummissjoni kienet marbuta tfisser x'kienu dawk 'ir-raġunijiet eċċezzjonali ħafna' li wassluha tagħti lill-Kumitat dik l-estensjoni bla ma tat żmien sakemm dak it-tiżjid kellu jdum. Għalkemm strettament b'dawn l-ilmenti ir-rikorrent qiegħed jattakka s-siwi tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-mertu u, fil-prinċipju, la l-jedd ta' smigħ xieraq ma jiggarantixxi l-korrettezza tad-deċiżjonijiet fil-mertu[62] u wisq anqas hija l-funzjoni ta' din il-Qorti li tistħarreġ is-siwi fil-mertu ta' deċiżjonijiet ta' awtoritajiet ġudizzjarji oħrajn[63], madankollu, huwa wkoll magħruf sewwa li dawn il-limitazzjonijiet jgħoddu biss sakemm id-deċiżjoni li tkun qiegħda tiġi attakkata fil-mertu ma tkunx waħda li tkun: "*flagrantly and manifestly arbitrary, in a manner which flies in the face of justice and common sense and gives rise in itself to a violation of the Convention*"[64]. F'dan ir-rigward, ingħad li sabiex deċiżjoni tkun milquta b'difett ta' din l-għamla, dak id-difett jew żball għandu jkun tant serju li: "*no reasonable court could ever have made*"[65], u li l-irraġonevolezza ta' dik id-deċiżjoni għandha tkun "*so striking and palpable on the face of it*"[66];

Illi f'dan il-każ, il-Qorti jidhrilha li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar, 2014 hija tabilħaqq milquta b'difett serju li huwa ta' dik ix-xorta li l-Qorti għadha kif fissret. Irrispettivament mill-kwestjoni akkademika dwar jekk il-Kummissjoni setgħetx iġġedded terminu li diġà kien teknikament ilu li għalaq, l-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni, huwa ċarissimu u jipprovdi li l-estensjonijiet lill-Kumitat "***fl-ebda każ, ħlief għal raġunijiet eċċezzjonali ħafna, ma għandhom jissuperaw l-erba' xhur***". Fil-fehma tal-Qorti din is-silta mill-artikolu 101A(6)(b) titkellem waħedha, u kif qiegħed jgħid sewwa r-rikorrent, il-

[62] Kost. **27.1.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Sammut v. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali et.*** (Applik. Nru. 50/2017/1). §§ 29 sa 30.
[63] Kost. **23.1.2024,** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġanni Attard v. L-Avukat Ġenerali et.*** (Rik. 18/2016/1), u PA. (Kost.) CFS **28.10.22** fil-kawża fl-ismijiet ***Ramon Fenech v. L-Avukat tal-Istat*** (Rik. Nru. 55/2022), (Konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-**25.10.23**) §§ 40 sa 43.
[64] Kost. **18.7.22** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Sergio D'Amico noe. v. L-Awtorità tax-Xandir et.*** (Rik. Nru. 43/2020/1) § 18, u Kost **27.1.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Sammut v. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali et.*** (Applik. Nru. 50/2017/1) § 31.
[65] Q.E.D.B. **5.2.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Bochan v. Ukrajna (Nru. 2)*** (Applik. 22251/08) § 62.
[66] *Ibid*.

Kummissjoni ma setgħet qatt tagħti estensjoni lill-Kumitat ta' aktar minn erba' xhur sakemm mhux "*għal raġunijiet eċċezzjonali ħafna*". Kemm fil-minuta tal-laqgħa tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar, 2014, kif ukoll waqt il-mixi ta' din il-kawża, il-Kummissjoni baqgħet fommha mitbuq għal kollox dwar x'kienu dawk "*ir-raġunijiet eċċezzjonali ħafna*" għalfejn it-terminu ta' xahrejn tal-Kumitat spiċċa mtawwal b'ħafna aktar minn erba' xhur, u fuq hekk biss, il-Qorti jidhrilha li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija manifestament u proċeduralment arbitrarja. Wieħed ma jistax ukoll ma jgħidx li l-Kummissjoni m'għamlet l-anqas aċċenn biex tgħid kemm kellu jkun twil "*il-perjodu*" tat-tiżjid li tat lill-Kumitat: ħaġa li, fil-fehma ta' din il-Qorti, turi l-irraġonevolezza fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni, speċjalment meta wieħed iqis kemm kienu ilhom għaddejjin il-proċeduri u dak li tassattivament jitlob l-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti għalhekk jidhrilha li, fiha nfisha, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar, 2014, wasslet ukoll biex kasbret il-jedd għal smigħ xieraq tar-rikorrent u, għal din ir-raġuni wkoll, huwa ħaqqu li jingħata rimedju li jaħseb ukoll għat-tiswija ta' dan il-ksur. Il-Qorti sejra tqis tali rimedju aktar 'il quddiem fl-aħħar parti ta' din is-sentenza, u dan wara li tistħarreġ il-bqija tal-ilmenti tar-rikorrent, għalkemm, strettament, l-istħarriġ tagħha jista' jieqaf bil-kunsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru taħt l-ewwel kawżali tal-ilment;

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi billi tqis **<u>it-tieni raġuni</u>** ewlenija li għaliha r-rikorrent qiegħed jilmenta li ġarrab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u sewwasew dik **dwar it-talba mill-Kumitat għall-produzzjoni ta' informazzjoni**, li għalkemm ma speċifikax fiex tikkonsisti, huwa fissirha bħala "*protetta mill-iskrutinju tiegħu jew ta' kull korp jew entità oħra, u/ jew minn kwalsiasi terz*";

Illi l-eċċezzjoni waħdanija rilevanti għal dan l-ilment tressqet fir-Risposta tal-intimata Azzopardi li, fil-ħames eċċezzjoni tagħha, fissret kif ir-rikorrent ma obdiex l-ordni tal-Kumitat sabiex iressaq kopja tal-istqarrija li għamel lill-Pulizija, kif ukoll biex jesebixxi xi dokumenti bankarji li, fi kliem l-istess intimata Azzopardi, jixhdu l-'*audit trail*' ta' xi flus li r-rikorrent 'żamm illegalment' fil-pussess tiegħu;

Illi la r-rikorrent u lanqas l-intimati ma ressqu xi sottomissjonijiet partikolari dwar dan l-ilment, kif ukoll dwar il-ħames eċċezzjoni ta' Azzopardi. Minkejja dan, la r-rikorrent ma rtirax l-ilment tiegħu, il-Qorti ser ikollha tqisu;

Illi minn dak li setgħet tifhem il-Qorti waqt il-ġbir tal-provi, f'dan l-ilment tiegħu r-rikorrent qiegħed jirreferi għall-insistenzi li jittellgħu jixhdu dawk l-uffiċjali mill-Korp tal-Pulizija li nvestigawh dwar xi reati finanzjarji u dan fuq talba li kienet għamlet il-kwerelanti intimata Azzopardi[67]. Dwar dan, ir-rikorrent

[67] Ara l-Affidavit tar-rikorrent, 'Dok APF', f'paġ. 158 tal-proċess §§ 21-3, u l-eżami ta' Dr. Deborah Farruġia, f'paġ. 181 tal-proċess.

stess però qal li l-uffiċjali konċernati rrifjutaw milli jixhdu, u fuq hekk biss dan l-ilment mhuwiex mistħoqq;

Illi madankollu, ukoll kieku għall-grazzja tal-argument kellhom jittellgħu jixhdu l-uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija li nvestigawh, jew inkella l-Kumitat talbu jressaq bħala prova xi dokumenti sensittivi oħrajn li qiegħed jikkontesta l-ammissibiltà tagħhom, dan xorta waħda ma jistax iwassal għat-tkasbir tal-jedd għal smigħ xieraq tar-rikorrent u dan għaliex, f'dan l-istadju, ir-rikorrent ma jafx x'piż jistgħu jingħataw dawk il-provi. Fuq kollox, fl-eventwalità li jinstab ħati ta' mġiba mhux xierqa, huwa xorta kien ser jifdallu l-jedd li jikkontesta l-ammissibiltà ta' dawk il-provi u għalhekk, minbarra li huwa manifestament infondat, dan l-ilment huwa, f'kull każ, intempestiv għaliex tressaq qabel waqtu. It-tieni lment tar-rikorrent qiegħed għalhekk jiġi **miċħud**;

Illi **<u>t-tielet raġuni</u>** li għaliha r-rikorrent qiegħed iressaq din il-kawża fuq ix-xilja li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni hija msawra madwar xi **restrizzjonijiet li jgħid li l-Kumitat imponielu**, **sa fejn għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-atti proċesswali**. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent qiegħed jirreferi għall-fatt li, mix-xhieda tas-Segretarja tat-Tribunal, irriżulta kif huwa kellu kull darba joqogħod jikseb il-permess sabiex ikun jista' jara l-atti proċesswali, u li seta' jara dawk l-atti f'ħinijiet limitati li fihom ikunu disponibbli d-diriġenti tal-Kumitat. Iżid li huwa seħħlu wkoll jipprova kif huwa ma kienx jitħalla jieħu kopji jew xbihat mill-atti, sabiex ikun jista' jipprepara u jistudja l-każ f'ambjent trankwill, iżda seta' biss jieħu xi notamenti. Jargumenta li m'huwiex biżżejjed li s-Segretarja tal-Kumitat kienet tgħaddilu l-kopji tat-traskrizzjonijiet, għaliex b'dan il-mod huwa xorta waħda ma setax ikollu serħan il-moħħ biżżejjed, speċjalment dwar jekk dak li jkun seħħ waqt is-seduti jkunx tniżżel b'mod preċiż u fidil fl-atti. Itemm billi jgħid li ma jfisser xejn li l-Kumitat qatt ma ċaħadlu l-permess biex jara l-atti, u jirraġuna li sakemm is-Segretarja sejra tibqa' kull darba toqgħod titlob il-permess mill-Kumitat biex tħallih jara l-atti, l-aċċess m'huwiex liberu, u teknikament il-Kumitat jista' jiċħadlu l-permess;

Illi fis-sottomissjonijiet tagħhom, il-Kumitat u l-Kummissjoni jirribattu li r-rikorrent ma kellu l-ebda xkiel sabiex jara l-atti tal-proċeduri. Ifissru li l-proċedura li biha s-Segretarja titlob permess lill-Kumitat sabiex jawtorizza l-aċċess għall-atti qiegħda hemm fl-interess tar-rikorrent stess, u dan sewwasew biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità ta' dawk il-proċeduri. Jisħqu li mill-provi ħareġ li l-Kumitat dejjem ta aċċess lir-rikorrent għall-atti proċesswali u f'dan ir-rigward jirreferu għall-kontro-eżami tar-rikorrent li fih stqarr dan kollu. Jissoktaw billi jargumentaw li l-preżenza tal-membri tal-Kumitat waqt l-aċċess ma xekklitx lir-rikorrent milli jara l-atti, u jtennu li l-Kumitat qatt ma ċaħħad lir-rikorrent mill-informazzjoni mitluba minnu;

Illi minn ħarsa lejn dan kollu, il-Qorti tqis li r-rikorrent qiegħed jibni dan l-ilment fuq tliet limitazzjonijiet u sewwasew: (i) li huwa seta' jara biss l-atti wara li jingħata permess mill-Kumitat; (ii) li huwa ma setax jieħu kopji mill-atti proċesswali, iżda biss jagħmel notamenti; u (iii) li huwa ma setax jara l-atti waħdu mingħajr limitazzjonijiet fil-ħin. Għalkemm huwa tassew minnu li s-Segretarja tal-Kumitat ma ċaħditx l-eżistenza ta' dawn 'il-limitazzjonijiet', fis-sewwa, din fissret kif waqt is-seduti, hija kienet tieħu ħsieb li tgħaddi lill-partijiet kopja ta' dawk id-dokumenti kollha li jkunu qed jitressqu bħala provi fl-atti proċesswali[68]. L-istess Segretarja żiedet tgħid li fil-każ tar-rikorrent, il-Kumitat kien ukoll taha struzzjonijiet li r-rikorrent seta' jiġbor kopja ta' kull traskrizzjoni ta' xhieda li xtaq[69]. Fuq kollox, ir-rikorrent stess ammetta waqt il-kontro-eżami li sarlu, li l-Kumitat qatt ma ċaħadlu l-possibiltà li jara l-atti u li, għalkemm huwa kien ikun taħt superviżjoni, il-Kumitat jew id-diriġenti tiegħu qatt ma imponew fuqu xi limitazzjonijiet partikolari dwar it-tul ta' ħin li matulu seta' jdum jifli l-proċess[70];

Illi f'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti jidhrilha li r-rikorrent qiegħed jipprova jfittex ix-xagħra fil-għaġina u dan għaliex dak li qiegħed iqis bħala 'limitazzjonijiet' la setgħu u lanqas messhom xekkluh milli jiddefendi ruħu bl-aħjar mod possibbli. Kif rajna, ġie ppruvat li r-rikorrent seta' jiġbor kopja tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda, kif ukoll kien qiegħed jingħata kopja tal-provi dokumentarji li kienu qegħdin jidħlu fl-atti proċesswali, u għalhekk bħala stat ta' fatt huwa seta' jara dawk id-dokumenti u t-traskrizzjonijiet f'kull ħin u kull fejn fettillu. L-unika ħaġa li ma kellux f'idejh kienu l-verbali, li ta' dawn seta' faċilment jieħu notament tagħhom waqt li kien ikun qiegħed jara l-proċess, li qatt ma ġie mċaħħad milli jara. Kienet tkun storja oħra li kieku huwa ma kienx qiegħed jingħata kopja tad-dokumenti li kienu qed jitressqu fl-atti waqt is-seduta, jew inkella li kieku ma kienx jingħata kopja tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda. La huwa però kien jingħata dawn, ir-rikorrent, li huwa avukat u li għalhekk imħarreġ sewwa kif għandu jibni l-inkartament ta' każ, kien f'qagħda li bla tbatija ta' xejn jorganizza l-fajl tiegħu bl-istess mod bħal dak li kellu quddiemu l-Kumitat, u dan anke billi jqabblu ma' dak li kellu l-Kumitat: li l-aċċess għalih qatt ma ġie miċħud. L-ilmenti tar-rikorrent fir-rigward qegħdin għalhekk jiġu wkoll **miċħuda**;

Illi l-**<u>aħħar raġuni</u>** li għaliha r-rikorrent qiegħed iqis li ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq iddur madwar **il-kompożizzjoni tal-Kumitat u tal-Kummissjoni intimati, kif kostitwiti b'riħet l-artikolu 3 tal-Kap. 369 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-artikolu 101A(1) tal-Kostituzzjoni, rispettivament**. F'dan ir-rigward, ifisser li huwa m'huwiex qiegħed jattakka biss il-kompożizzjoni tal-Kumitat kif impoġġi fil-każ tiegħu, iżda wkoll il-kompożizzjoni tal-Kumitat b'mod ġenerali, billi għalih dan "*ma jistax jitqies li jikkonsisti f'qorti jew tribunal indipendenti*";

---

[68] Ara x-xhieda ta' Dr. Deborah Farruġia, f'paġ. 181 tal-proċess.
[69] Id. Ara wkoll l-kontro-eżami ta' Dr. Deborah Farruġia f'paġ 200 tal-proċess.
[70] Ara l-kontro-eżami tar-rikorrent, f'paġ 192 tal-proċess.

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent ikompli jlaħħam dan l-ilment billi jfisser li kemm il-Kumitat kif ukoll il-Kummissjoni ma jistgħux jitqiesu bħala awtorità ġudikanti li hija indipendenti u imparzjali. Jibda billi jgħid li fil-liġi, u sewwasew fil-Kap. 369 ma hemm l-ebda provvediment kontra it-tneħħija ta' membru tal-Kumitat b'mod sommarju u mingħajr il-ħtieġa li tingħata raġuni għat-tneħħija tiegħu. Skont ir-rikorrent, fuq hekk biss, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-membri li jpoġġu fuq il-Kumitat huma oġġettivament kompromessi. Jixħet imbagħad ħarstu lejn il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni u jgħid li dawk il-membri li jiffurmaw il-Kummissjoni skont is-subinċiż (1)(ċ)(d) u (e) tal-artikolu 101A tal-Kostituzzjoni ma jispirawx fiduċja oġġettiva fl-indipendenza u l-imparzjalità tagħhom. Jissokta billi jgħid li għalkemm il-liġi tipprovdi għall-possibiltà tar-rikuża tal-membri, il-liġi tippermetti smigħ bil-kworum, u f'dan is-sens jilmenta li huwa diffiċli ħafna għall-parti li 'tikkontrolla' minn żmien għal żmien, min ikun qiegħed jippresjedi fil-proċeduri. Jgħid li huwa ma jafx jekk bħala fatt il-membri tal-Kummissjoni nbidlux waqt il-mixi tal-proċeduri fil-każ tiegħu u f'dan ir-rigward jilmenta li l-membri l-ġodda ma jkollhomx dik is-"*sensittività meħtieġa dwar kif u għaliex jkun hemm dewmien f'proċess*";

Illi l-intimati kollha laqgħu għal dan l-ilment b'mod ġenerali billi ressqu l-eċċezzjoni li l-proċeduri li qiegħed jilmenta minnhom ir-rikorrent "*jagħtu smigħ xieraq*", u warrbu l-ilmenti tar-rikorrent bħala mhux fondati kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi. Fl-istadju tan-noti ta' sottomisssjonijiet, kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Kumitat fissru fit-tul u b'reqqa għalfejn il-kompożizzjoni kemm tal-Kumitat u kif ukoll dik tal-Kummissjoni jħarsu l-kriterji fundamentali tal-indipendenza u l-imparzjalità, u li b'hekk kull ilment tar-rikorrent fir-rigward huwa infondat;

Illi l-Qorti tibda billi tosserva li ladarba l-proċeduri li r-rikorrent qiegħed jilmenta dwarhom huma ta' sura dixxiplinarja dwar il-kondotta professjonali tiegħu, dawk il-proċeduri huma kkunsidrati li jinvolvu d-determinazzjoni ta' jeddijiet u obbligi ċivili, u minħabba f'hekk m'humiex meqjusa li jaqgħu fl-isfera kriminali[71]. Wara kollox, kontra r-rikorrent kienu diġà nbdew proċeduri kriminali mill-Pulizija fuq talba tal-intimata Azzopardi, u għalhekk, li kieku l-proċediment kontrih quddiem il-Kumitat kien ta' sura kriminali, kien jintlaqat bir-regola tan-"*ne bis in idem*" kemm taħt l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll bl-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni. Il-parti rilevanti tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija għalhekk dik tat-tieni sub-inċiż u mhux tal-ewwel subinċiż li jitkellem dwar "*persuna akkużata b'reat kriminali*";

[71] Q.E.D.B. **22.7.2021**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Reczkowicz v. Polonja*** (Applik. 43447/19) § 181 u 183 sa 185.

Illi b'differenza għall-ewwel sub-inċiż li jitlob li persuna akkużata b'reat kriminali għandha tingħata smigħ minn "*qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi*", fil-każ tat-tieni sub-inċiż tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, li huwa dwar dawk id-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili, dan jitkellem dwar "*kull qorti jew awtorità ġudikanti oħra mwaqqfa b'liġi*". Bħat-tieni sub-inċiż tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jillimitax is-smigħ quddiem "*qorti*" iżda jirreferi għal "*tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b' liġi*";

Illi huwa magħruf sewwa li sabiex tribunal jew awtorità ġudikanti tkun tikkwalifika bħala tali għall-finijiet tal-artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni, m'huwiex meħtieġ li dawn ikunu jiffurmaw parti mill-istruttura ġudizzjarja tal-pajjiż[72] u għalhekk il-fatt waħdu li r-rikorrent m'huwiex jiġi ġudikat minn xi mħallef jew xi maġistrat quddiem 'qorti', ma jwassalx għall-ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Dak li jħoll u jorbot kollox huwa jekk it-tribunal jew awtorità ġudizzjarja jkollhomx dawk il-karatteristiċi fundamentali assoċjati mal-proċess ġudizzjarju li jiggarantixxi smigħ xieraq, fosthom il-minimu ta' indipendenza w imparzjalità biex b'hekk il-ġustizzja mhux biss issir, iżda wkoll tidher li qiegħda ssir[73];

Illi kif jixhdu kemm l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-ħtiġijiet tal-indipendenza u tal-imparzjalità għall-għanijiet tat-tħaris tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq huma ħtiġijiet kumulattivi u mhux sempliċement alternattivi, u għalkemm hemm rabta sfiqa bejniethom m'humiex l-istess[74];

Illi sa fejn għandu x'jaqsam mal-ħtieġa tal-**indipendenza**, il-Qorti taqbel mal-Kummissjoni u l-Kumitat intimati li, fl-istħarriġ dwar jekk awtorità ġudikanti tistax titqies li toffri l-garanziji minimi ta' indipendenza, il-Qorti għandha tieħu qies ta' ċertu fatturi li jinkludu: (i) il-mod ta' kif jinħatru l-membri tal-awtorità ġudizzjarja; (ii) iż-żmien li għalih jinħatru l-membri ta' dik l-awtorità ġudizzjarja; (iii) l-eżistenza ta' garanziji li jassiguraw li l-awtorità tkun ħielsa minn influwenzi barranin għall-proċess ġudizzjarju, u (iv) li, fl-aħħar nett, ikun hemm id-dehra ta' indipendenza fl-imġiba tal-ġudikanti li jagħmlu minn dik l-awtorità;

Illi mingħajr tlaqliq, il-Qorti taqbel ukoll mal-Kummissjoni u l-Kumitat intimati, li kemm il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Kumitat jħarsu l-kriterju tal-indipendenza. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni fuq is-saħħa tar-raġunijiet li ġejjin;

[72] Kost. **27.1.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***L-Imħallef Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco v l-Onorevoli Prim' Ministru et.*** § 27.
[73] Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Pace v. Avukat Ġenerali et.***; u Kost. **3.12.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Cecil Pace v. L-Onorevoli Prim' Ministru***.
[74] Harris, O'Boyle and Warbrick, Law of the European Convention on Human Rights, (Oxford University Press, ir-raba' edizzjoni) paġ. 446, u PA. (Kost.) **5.11.1996**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Cecil Pace v. L-Onor. Prim' Ministru,*** (ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-**3.12.1997**).

Illi fl-ewwel lok, u sa fejn għandhom x'jaqsmu l-ilmenti tar-rikorrent dwar in-nuqqas ta' indipendenza tal-membri li jiffurmaw il-Kummissjoni, il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet ta' ***L-Imħallef Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco v. L-Onorevoli Prim' Ministru et.***[75] li fiha dik il-Qorti diġà għamlitha ċara kif il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni tissodisfa l-attributi kollha meħtieġa tal-indipendenza. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn toqgħod ittenni dawk il-kunsiderazzjonijiet li saru f'dik is-sentenza u r-rikorrent ma ressaq l-ebda argumenti jew sottomissjonijiet ġodda f'din il-kawża li jwasslu lil din il-Qorti biex titbiegħed minn dawk il-fehmiet. F'dan ir-rigward, filwaqt li tagħmel tagħha dawk ir-raġunijiet[76], qiegħda twarrab l-ilmenti tar-rikorrent dwar in-nuqqas ta' indipendenza tal-membri tal-Kummissjoni, għall-istess konsiderazzjonijiet li saru f'dik is-sentenza;

Illi, fit-tieni lok, u sa fejn għandha x'taqsam il-kompożizzjoni tal-Kumitat, il-Qorti tibda billi tosserva li l-persuni li jagħmlu l-Kumitat m'humiex maħtura direttament mill-Gvern, u sewwasew mill-eżekuttiv, iżda huma ffurmati minn firxa wiesgħa ta' nies imdaħħla fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Pereżempju, fiż-żmien li fih kien qiegħed jinstema' l-ilment kontra r-rikorrent[77], il-Kumitat kien magħmul minn ħames membri li l-ebda wieħed minnhom ma kien maħtur mill-eżekuttiv, u li lkoll huma kompetenti fil-qasam li fih kellhom jgħaddu l-ġudizzju tagħhom. L-ewwel membru kien maħtur mill-Kummissjoni, u huwa avukat li ilu jipprattika l-professjoni għal żmien ta' mhux anqas minn għaxar snin. It-tieni membru kien maħtur mill-Avukat Ġenerali u huwa wkoll ikun avukat, u l-bqija huma tliet avukati maħtura mill-Kamra tal-Avukati, li hija indipendenti mill-Gvern, u l-eżekuttiv tagħha huwa elett mill-professjoni tal-avukatura stess;

Illi dwar iż-żmien li għalih jiġu maħtura l-membri tal-Kumitat, il-Qorti tosserva li fiż-żmien li matulu kien qiegħed jinstema' l-ilment kontra r-rikorrent, il-membri tal-Kumitat kienu lkoll maħtura għal terminu fiss ta' erba'(4) snin[78]. Intqal kemm-il darba li l-fatt waħdieni li ġudikatur ikun maħtur għal terminu fiss u mhux sakemm jirtira ma jnaqqas xejn mill-indipendenza ta' dak il-ġudikatur, u dan sakemm il-liġi tkun taħseb għal dawk id-dispożizzjonijiet legali li jħarsu lil dak il-ġudikatur minn tneħħija arbitrarja[79]. F'dan il-każ, din id-dispożizzjoni teżisti fis-subinċiż 10 tal-Artikolu 101A tal-Kostituzzjoni li jagħmilha ċara kif it-tneħħija ta' membru tal-Kumissjoni, jew ta' xi wieħed mill-Kumitati tagħha (li fosthom huwa l-Kumitat intimat), ma jistgħux jitneħħew: (i) jekk mhux mill-President li għandu jaġixxi skont il-parir tal-korp jew il-persuna li taħtar dak il-membru, u (ii) għar-raġuni "*biss*" ta' "*inkapaċità li jwettaq id-dmirijiet tal-kariga tiegħu (kemm jekk għal mard korporali jew mentali jew għal*

[75] Kost. **27.1.2014**, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***L-Imħallef Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco v. L-Onorevoli Prim' Ministru et.*** (App. Ċiv. 3/2013/1).
[76] *Ibid*. §§ 27 sa 32.
[77] Qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XIX tal-2021.
[78] Art 3 tal-Att XI tal-1994.
[79] Kost. **3.12.1997**, fil-kawża fl-ismijiet ***Cecil Pace et. v. Onorevoli Prim Ministru et.*** u Harris O'Boyle & Warbrick Law of the European Conventon on Human Rights, *op cit* paġ 448.

*xi raġuni oħra) jew imġieba ħażina*"[80]. Dispożizzjoni bħal din hija meqjusa li tagħti garanzija biżżejjed għas-sigurtà taż-żamma fil-ħatra[81] u għalhekk ir-rikorrent qiegħed jgħid ħażin li l-liġi ma tipprovdi l-ebda provvediment kontra t-tneħħija b'mod sommarju u mingħajr raġuni ta' xi membru tal-Kummissjoni jew tal-Kumitat. Sa fejn imbagħad ir-rikorrent jilmenta mill-fatt li l-liġi ma tipprovdi xejn jekk il-membri jistgħux jerġgħu jinħatru għal żmien ieħor, il-Qorti tqis li fiha nfisha l-possibbiltà tal-ħatra mill-ġdid ma tnaqqas xejn mill-indipendenza ta' dawk il-membri[82];

Illi fir-raba' lok, il-Qorti tkompli ssaħħaħ il-konvinzjoni tagħha favur l-indipendenza tal-Kummissjoni u tal-Kumitat, hekk kif tqis li kemm fil-każ tal-Kummissjoni kif ukoll fil-każ tal-Kumitat, il-liġi tagħti garanzija tajba kontra l-indħil lil dawk l-awtoritajiet ġudikanti, billi tobbliga lill-membri li jiffurmawhom sabiex fit-twettiq ta' dmirijiethom "*jaġixxu skont il-ġudizzju individwali tagħhom u ma jkunux suġġetti għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra*"[83]. Barra minn hekk, il-liġi tipprovdi li kemm il-membri tal-Kumitat u kif ukoll dawk tal-Kummissjoni jistgħu jkunu rikużati, kif ukoll timponi fuqhom l-obbligu li jastjenu f'każ li jkun meħtieġ li jsir hekk[84]. Fil-fehma tal-Qorti, dawn il-garanziji, meta moqrija flimkien ma' dawk dwar il-ħarsien minn tneħħija arbitrarja, jagħtu flimkien bejniethom garanzija ta' indipendenza kemm oġġettiva tal-membri kif ukoll dik fid-dieher. L-elementi kollha meħtieġa għall-indipendenza huma għalhekk ilkoll sodisfatti;

Illi sa fejn imbagħad għandha x'taqsam il-kwistjoni dwar l-**imparzjalità**, huwa mifhum li dan l-element jitlob in-nuqqas ta' preġudizzju jew *'bias'* mill-awtorità ġudikanti fil-konfront ta' xi waħda mill-partijiet [85], u dan kemm mil-lat soġġettiv kif ukoll oġġettiv[86];

Illi għandu jingħad sa mill-bidu li, fl-istħarriġ ta' kwestjoni ta' din ix-xorta, l-imparzjalità personali tal-membri ta' awtorità ġudikanti hija meqjusa bħala preżunta u għalhekk jaqa' fuq spallejn min ikun qiegħed jilmenta mill-imparzjalità ta' min ikun qiegħed jiġġudikah li jressaq provi tajbin biżżejjed sabiex jegħleb dik il-preżunzjoni[87];

Illi f'dan l-isfond, il-Qorti tosserva li għalkemm fl-affidavit tiegħu r-rikorrent qiegħed jagħti x'jifhem li kien hemm xi membri tal-Kumitat li seta'

---

[80] Art 101A(10) tal-Kostituzzjoni.
[81] Kost. **25.1.2013**, fil-kawża fl-ismijiet ***Untours Insurance Agency Limited et. v. Victor Micallef et.***
[82] Kost. **26.1.2018,** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Spagnol v. Bord of Management tat-Teatru Manoel;*** u Kost. **3.5.2016**, fil-kawża fl-ismijiet ***Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et.***
[83] Art. 101A(7) tal-Kostituzzjoni. Ara wkoll f'dan il-qafas: Kost. **25.1.2013**, fil-kawża fl-ismijiet ***Untours Insurance Agency Limited et. v. Victor Micallef et.***
[84] Art 3(3) tal-Kap. 369, u Art. 101A(4)(b) tal-Kostituzzjoni.
[85] Q.E.D.B. **8.10.2019**, fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Gatt v. Malta*** (Applik.. Nru. 46466/16), u William A. Schabas, The European Convention on Human Rights: A Commentary (O.U.P.) (l-ewwel edizzjoni, 2015), paġ. 295.
[86] Kost. **25.10.2023**, fil-kawża fl-ismijiet ***Allan Mizzi pro. et. noe. v. L-Avukat tal-Istat***, u Kost. **11.4.2017**, fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Borġ et v. Direttur Ġenerali (Qrati).***
[87] Kost. **26.1.2018**, fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dr. Samuel Azzopardi v. L-Avukat Ġenerali.***

kellhom xi preġudizzju kontrih, kemm għaliex kellu xi tilwima personali magħhom, kif ukoll għaliex dawn kienu diġà poġġew fuq Kumitat li sema' lment ieħor kontrih u sabuh ħati ta' imġiba ħażina[88], huwa madankollu qagħad lura milli jinsisti fuq dan fil-kontro-eżami. Kemm hu hekk, għall-mistoqsija diretta dwar jekk huwa ħassx jekk kienx hemm xi membru tal-Kumitat li kellu xi ħaġa kontrih b'mod personali, ir-rikorrent wieġeb b'mod kategoriku fin-negattiv[89]. Qal ukoll li huwa ma kienx ressaq xi talba għar-rikuża ta' xi membru, u dan għaliex ma ħassx li kellu r-raġunijiet li l-liġi tagħti biex tintalab rikuża[90]. Filwaqt li dan huwa biżżejjed biex iwaqqa' l-ilmenti tar-rikorrent dwar l-imparzjalità, il-Qorti tqis li, f'kull każ, il-fatt waħdieni li r-rikorrent kien diġà deher quddiem dak il-Kumitat b'rabta ma' każ ieħor u nstab ħati ta' mġiba ħażina, ma twassalx għall-imparzjalità tal-membri li kienu qegħdin jiġġudikawh[91], u dan għaliex kull każ għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu[92]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex teskludi li r-rikorrent seta' ħassu skomdu li jkun iġġudikat minn Kumitat li diġà kien sabu ħati f'każ separat qabel, u li għalih dik il-konklużjoni setgħet kienet ħażina għal kollox, din il-biża' tar-rikorrent m'hijiex biżżejjed biex tagħmel lil dak il-Kumitat jew lill-membri tiegħu persuni jew korp imparzjali. Dan jgħodd aktar w aktar meta mbagħad wieħed iqis li r-rikorrent kien ser jifdallu xorta waħda l-jedd li jappella mid-deċiżjoni tal-Kumitat u dan kemm fuq punti ta' fatt kif ukoll ta' dritt. Kif ingħad qabel, fil-każ ***Farrugia Sacco***[93], il-Qorti Kostituzzjonali sabet li l-Kummissjoni, bħala awtorità ġudikanti, tħares il-garanziji tal-indipendenza u l-imparzjalità kif mitluba mill-artikoli 6(1) tal-Konvenzjoni u 39(2) tal-Kostituzzjoni, u fid-dawl tal-jedd ta' appell mingħajr mittiefes quddiem il-Kummissjoni, ir-rikorrent ma jistax jilmenta minn ksur tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba l-kompożizzjoni tal-Kumitat[94];

Illi filwaqt li l-Qorti tista' tieqaf hawn, sabiex ikun ingħad kollox, il-Qorti lanqas ma taqbel mar-rikorrent li huwa ġarrab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fuq ix-xilja li kien hemm xi tibdil fil-kompożizzjoni tal-Kumitat jew inkella għaliex il-liġi tippermetti smigħ quddiem il-Kumitat bil-kworum u li minħabba f'hekk mhux il-membri kollha tal-Kumitat kienu jattendu għas-seduti. Minbarra li r-rikorrent ma ġabx prova konkreta li kien hemm tibdil fil-kompożizzjoni tal-Kumitat, f'kull każ, anke li kieku stess kien hemm xi tibdil, dan ma setax wassal għall-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Ingħad mhux darba li l-bdil ta' ġudikant waqt il-mixi tal-proċeduri ma jxellifx il-jedd għal smigħ xieraq u dan għaliex il-proċeduri jibqgħu dawk li kienu, u dak kollu li jkun sar qabel il-bdil tal-ġudikant ma jitħassarx u jibqa' jidher bla diffikultà mill-atti

---

[88] Ara l-affidavit tar-rikorrent, 'Dok APF', f'paġ. 157 tal-proċess.
[89] Ara l-kontro-eżami tar-rikorrent, f'paġ. 194 tal-proċess.
[90] *Ibid.* f'paġ. 196.
[91] William A. Schabas, *op cit.* paġ. 295.
[92] Kost. **27.1.2014**, fil-kawża fl-ismijiet ***L-Imhallef Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco v. L-Onorevoli Prim' Ministru et.*** (App. Ċiv. 3/2013/1).
[93] *Ibid.*
[94] QEDB, **16.12.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Rosaria Borg Busuttil v. Malta*** (Applik 2468/20) § 38, u Kost. **11.8.2000**, fil-kawża fl-ismijiet ***Marthese Azzopardi v. Maltacom plc.*** (mhix pubblikata)

proċesswali[95]. Fit-tieni lok, imbilli waqt il-mixi tal-proċeduri ma jattendux il-membri kollha tal-Kumitat u li dak il-Kumitat jissokta bi smigħ sakemm jilħaq il-kworum, dan il-fatt waħdu ma jiksirx il-jedd għal smigħ xieraq tar-rikorrent u dan sakemm il-membri kollha jkollhom aċċess għall-atti proċesswali u x-xhieda tkun tinsab traskritta[96]. F'dan il-każ, il-Qorti fehmet li x-xhieda kienet qiegħda tkun regolarment reġistrata u traskritta[97], u għalhekk minn dan l-aspett ukoll, l-ilment tar-rikorrent huwa infondat. Daqstant ieħor bla siwi huwa l-ilment tar-rikorrent meta jgħid li minħabba l-ħidma tal-Kumitat bi kworum, huwa ma kienx ikun jaf sewwa minn min qiegħed jgħaddi taħt ġudizzju. Minbarra li jerġa' jingħad li r-rikorrent ma ssostanzjax l-allegazzjoni tiegħu li kien hemm tibdil fil-kompożizzjoni tal-Kumitat, f'kull każ, il-Qorti jidhrilha li huwa seta' faċilment jikseb it-tagħrif meħtieġ dwar min kienu l-membri tal-Kumitat, u jekk m'għamilx hekk, dan huwa biss nuqqas tiegħu. L-istess jgħodd għall-Kummissjoni;

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi li l-ilmenti tar-rikorrent kif imressqin fl-**ewwel talba** tiegħu huma mistħoqqa biss sa fejn huwa qiegħed jilmenta minn dewmien mhux raġonevoli fil-proċeduri ta' quddiem il-Kumitat, kif ukoll mid-direttiva tal-Kummissjoni mogħtija fl-20 ta' Frar, 2014, li biha tawlet iż-żmien lill-Kumitat biex jissokta bis-smigħ tal-proċeduri kontra r-rikorrent. Dik it-talba se tkun qiegħda għalhekk tintlaqa' limitament f'dan is-sens;

Illi f'ċirkostanzi bħal dawn il-Qorti hija obbligata li tagħti lir-rikorrent rimedju li, kemm jista' jkun, ireġġgħu fil-pożizzjoni li kien qabel ma ġarrab il-ksur;

Illi kif jixhdu it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet tar-Rikors li bih inbdiet din il-kawża, ir-rimedji mitluba mir-rikorrent huma prattikament tnejn. Dak tal-ewwel huwa sabiex il-Qorti tordna l-waqfien tal-proċeduri, filwaqt li dak tat-tieni huwa li jingħata kumpens sabiex jagħmel tajjeb għad-danni morali kif ukoll reali li qiegħed jallega li ġarrab konsegwenza tal-ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq;

Illi dwar dan tal-aħħar, l-intimati kollha ressqu l-eċċezzjoni li l-ebda danni ma huma mistħoqqa. L-intimata Azzopardi marret pass lil hinn minn dan billi saħansitra qalet li t-talba għad-danni hija rritwali għaliex la l-Kostituzzjoni u lanqas il-Kap. 319 ma jsemmu l-ħlas ta' danni;

Illi f'dan l-isfond il-Qorti titlaq billi tosserva li l-eċċezzjoni tal-intimata Azzopardi hija fundamentalment żbaljata. Hija l-liġi stess li tgħid li f'kawżi ta' din ix-xorta, il-Qrati għandhom is-setgħa li jagħtu kwalunkwe rimedju

---

[95] PA Kost. **6.10.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Cecil Pace v. Onorevoli Prim' Ministru et.*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-**28.9.2012**).
[96] Kost. **27.1.2014**, fil-kawża fl-ismijiet ***L-Imħallef Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco v. L-Onorevoli Prim' Ministru et.*** (App. Ċiv. 3/2013/1).
[97] Ara b'eżempju, ix-xhieda ta' Dr. Deborah Farruġia f'paġ.178 tal-proċess.

li jħossu li huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, u m'hemm l-ebda liġi li teskludi l-poter ta' din il-Qorti li tagħti danni pekunjarji. Din il-Qorti għandha s-setgħa, jew aħjar id-dmir, illi tagħti dawk ir-rimedji kollha li tqis bħala meħtieġa sabiex rikorrent li jinstab li jkun ġarrab ksur ta' xi jedd fundamentali tiegħu jitreġġa' lura fl-istat li kien fih qabel il-ksur [98]. Bla dubju ta' xejn, dawn jinkludu l-għoti ta' kumpens monetarju. F'dan il-każ, il-Qorti ssib li dikjarazzjoni waħedha ta' ksur ta' jedd m'hijiex rimedju biżżejjed u xieraq;

Illi, sfiq ma' dan, il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-Kummissjoni u l-Kumitat intimat meta, fis-sottomissjonijiet tagħhom, jargumentaw li jekk il-Qorti għandha tagħti xi kumpens għad-dewmien, dan jista' jkun biss f'forma ta' danni morali u mhux f'forma ta' danni pekunjarji. Huwa prinċipju stabbilit li f'kawżi msejsa fuq ksur tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, huwa possibbli għall-Qorti li tillikwida mhux biss danni non-pekunarji, iżda wkoll dawk pekunarji jew materjali[99]. Sabiex talba għad-danni pekunarji tirnexxi f'dawn it-tip ta' kawżi, jeħtieġ madankollu li r-rikorrent iressaq prova ċara tad-dannu mġarrab kif ukoll tar-rabta kawżali bejn id-dewmien tal-proċeduri u d-danni pekunarji allegatament mġarrba minnu. Ingħad li m'huwiex possibbli għall-Qorti li tispekula x'setgħet kienet tkun il-qagħda tar-rikorrent li kieku ma seħħx id-dewmien mertu tal-ilment, u għalhekk huwa meħtieġ li ssir prova ċara u inekwivoka illi r-rikorrent ġarrab danni pekunarji li ma kienx iġarrab li kieku l-proċeduri ma kinux suġġetti għal dewmien mhux raġonevoli[100]. Mingħajr tlaqliq jingħad li, f'dan il-każ, ir-rikorrent ma ġab l-ebda prova ta' din ix-xorta, u minħabba f'hekk, il-Qorti m'hijiex ser tkun qiegħda tilqa' t-tielet talba tiegħu sa fejn qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li huwa ġarrab danni materjali;

Illi mhux l-istess jista' jingħad dwar it-talba għad-danni morali. Ġaladarba l-Qorti sabet li r-rikorrent ma ngħatax smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, u li dawk il-proċeduri tkomplew quddiem il-Kumitat fuq is-saħħa ta' direttiva tal-Kummissjoni li hija manifestament arbitrarja u mhux raġonevoli, il-Qorti jidhrilha li r-rikorrent ħaqqu li jingħata kumpens konsistenti f'danni morali. Fil-fehma tal-Qorti, kumpens fl-ammont ta' elf ewro (€1,000) għandu jitqies ġust fiċ-ċirkostanzi u dan speċjalment meta, min-naħa l-waħda, jitqies: (i) il-perjodu tad-dewmien sakemm ir-rikorrent seta' jibda jressaq il-provi tiegħu, u (ii) l-implikazzjoni serji li l-proċeduri jista' jkollhom fuq il-ħajja professjonali tar-rikorrent u l-għixien tiegħu; filwaqt li, min-naħa l-oħra, wieħed iqis li r-rikorrent: (i) dam 'il fuq minn tliet (3) snin biex ressaq din il-kawża sabiex jattakka d-direttiva tal-Kummissjoni, (ii) ma weriex x'miżuri konkreti ħa sabiex il-proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr, speċjalment minn meta l-proċeduri tħallew għall-provi tiegħu 'l quddiem; kif ukoll (iii) ir-rimedju l-ieħor li l-Qorti ser tkun qiegħda tagħti lir-rikorrent fil-paragrafi li jmiss;

[98] Kost. **27.10.2021**, fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Farruġia et. v. L-Avukat tal-Istat et.***
[99] Kost. **27.10.2021**, fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Carmela Paċe et. v. L-Avukat Ġenerali et.***
[100] Kost. **1.12.2021**, fil-kawża fl-ismijiet ***Noel Xuereb v. Avukat Ġenerali et.***

Illi għalhekk, **it-tielet talba** ser tintlaqa' limitament sa fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti ssib li huwa ġarrab danni morali, filwaqt li r-raba' talba ser tkun qiegħda tintlaqa' billi l-Qorti se tillikwida l-ammont ta' elf ewro (€1,000) bħala kumpens, u tordna lill-intimat Avukat tal-Istat, fil-kwalità tiegħu bħala rappreżentant tal-Gvern, sabiex iħallas dawk id-danni;

Illi jifdal biss **it-tieni talba** li fiha r-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti twaqqaf il-proċeduri li nfetħu kontrih. Mingħajr ma hemm għalfejn jingħad ħafna, il-Qorti ma jidhrilhiex li din it-talba hija mistħoqqa. Dak li jistħoqqlu r-rikorrent bħala rimedju huwa li jitreġġa' lura fil-pożizzjoni li kien qabel il-ksur, u mhux li jsib ruħu f'pożizzjoni aħjar milli kien qabel il-ksur. Qabel ma seħħ il-ksur huwa kien qiegħed jaffaċċja proċeduri ta' dixxiplina, u li kieku din il-Qorti jkollha tilqa' it-tieni talba tiegħu tkun qiegħda tqiegħdu f'qagħda aħjar milli kien jinsab qabel ma' ġarrab il-ksur. Bla dubju ta' xejn, dan m'għandux ikun il-każ, u la kien biss id-dewmien żejjed u d-direttiva arbitrarja u rraġonevoli tal-Kummissjoni li wasslu għall-ksur tal-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq fi żmien irraġonevoli, il-Qorti jidhrilha li dan il-ksur jista' jiġi msewwi: (i) bil-ħlas ta' kumpens kif imsemmi fil-paragrafu ta' qabel dan, (ii) kif ukoll billi l-Kummissjoni tinvestiga hi stess il-kwistjoni minnufih u taqtagħha hi nfisha skont ma jitlob l-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni;

Illi, fl-aħħar nett u sabiex jitneħħa kull dubju, din is-sentenza m'għandha bl-ebda mod tinftiehem li kulma sar wara t-terminu mniżżel fl-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni għandu jitqies li huwa null u mingħajr effett. Din il-kawża ma tressqitx b'rikors maħluf dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv iżda b'rikors speċifiku taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rimedji li tista' tagħti l-Qorti fir-rigward huma għalhekk biss biex issewwi l-ksur ta' jeddijiet fundamentali, u mhux aktar[101]. Kif ingħad aktar qabel, fih innifsu, l-għeluq taż-żmien fl-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni ma jwassalx għat-tħassir ta' dak li jkun sar fil-proċeduri. Fil-fehma tal-Qorti huwa biss dak li sar quddiem il-Kumitat wara l-għoti tad-Direttiva tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar, 2014, li jista' jitqies li ma jiswiex, u għalhekk il-Kummissjoni għandha tissokta bis-smigħ tal-każ daqslikieku fl-20 ta' Frar, 2014, iddeċidiet li tieħu l-każ f'idejha minn idejn il-Kumitat;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, bil-mod limitat kif imfisser;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

[101] Kost. **26.1.2024**, fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dottor Anna Mallia v. Il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura et.***

**Tilqa' limitatament l-ewwel talba attriċi** billi **ssib** li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, u dan għar-raġuni li d-direttiva tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar, 2014, kienet manifestament arbitrarja u mhix raġonevoli, kif ukoll billi r-rikorrent ma ngħatax smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minħabba d-dewmien fil-proċeduri mertu ta' din il-kawża mnedija kontrih;

**Tilqa' limitatament it-tieni talba** billi: (i) **tħassar** dak kollu li laħaq sar fil-proċeduri mnedija kontra r-rikorrent wara l-20 ta' Frar, 2014; u (ii) **tordna** li l-Kummissjoni tissokta tistħarreġ u tiddeċiedi l-każ tar-rikorrent hija nfisha, kif jitlob l-artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni;

**Tilqa' limitament it-tielet talba** billi **tiddikjara** li, bħala riżultat tal-ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrent kif imħares taħt l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, huwa ġarrab ħsara morali li jistħoqqilha l-għoti ta' kumpens;

**Tilqa' ir-raba' talba** billi konsegwentement **tillikwida** kumpens għad-danni morali fl-ammont ta' elf ewro (€1,000) u **tordna** lill-intimat Avukat tal-Istat, bħala rappreżentant tal-Gvern, sabiex iħallas lir-rikorrent il-kumpens hekk likwidat;

**Tiċħad il-bqija tat-talbiet attriċi** safejn ma jaqblux mal-kunsiderazzjonijiet li saru f'din is-sentenza;

**Tordna** li, għall-għanijiet tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-**ispejjeż tal-kawża** jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, imma dawk imsemmija fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta' Marzu, 2021, jitħallsu kif ordnat b'dik is-sentenza.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**22 ta' Frar, 2024**